# Il-Ħajja f'Għawdex

Nru. 837 Marzu 2002




## 50 Sena Saċerdot


9AD
This book / booklet was donated to the Gozo Cathedral Library by JOE BUGEJA during................2008
133603


PALAZZO MARGHERITA
L-ESPERJENZA TAGĦNA .....
.....IL-GARANZIJA TIEGĦEK FL-ISBAĦ ĠURNATA TA' ĦAJTEK
Għal aktar dettalji ċempel 555737 jew 557898

# f' din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu – Pont Ġdid għaċ-Ċittadella • 9
Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet • 10
L-Isqof Cauchi kif nafu jien: Kappillan, filosofu u ġurnalista • 12
L-Isqof Cauchi: L-ispirazzjoni tal-Lajċi Għawdxin • 16
Is-Saċerdot Kattoliku • 18
Poeżija - Ħamsin Sena Saċerdot • 20
L-Intervista - L-Isqof Cauchi • 21
L-Isqof u l-Formazzjoni tas-Saċerdoti fis-Seminarju • 38
L-Eċċ. Tiegħu Mons. N. Ġ. Cauchi: Ir-Raba' Kappillan tal-Fontana • 40
Il-Kurja t'Għawdex • 43
Madre Margerita De Brincat • 48
Apprezzament • 49
Bookmark • 51
Il-Knisja fid-dinja • 53
Lista tal-kitba l-aktar importanti ta' Mons Isqof Nikol Cauchi • 54

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 837**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Frar 2002.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
L-Isqof Cauchi - 50 Sena Saċerdot
*(Ritratt ta' Dunstan Xuereb, "The Times")*

# EDITORJAL



## Ħamsin Sena Saċerdot

Permezz ta' din il-ħarġa speċjali rridu nifirħu lill-għażiż Isqof tagħna Nikol Ġużeppi Cauchi li dan ix-xahar jagħlaq 50 sena saċerdot. Nifirħu miegħu għaliex dawn is-snin ta' ħidma saċerdotali kienu ta' sodisfazzjon kbir għalih innifsu, kif ukoll għalina lkoll li fil-persuna tiegħu nagħrfu rigal mogħti lilna minn Alla.

Il-ħamsin sena saċerdotali ta' Mons. Cauchi kienu mżewwqa ġmielhom. Huwa għamel seba' snin editur tar-rivista tagħna, fil-bidu magħrufa bħala l-*"Għawdex"*. Qabel ma rċieva l-ħatra ta' isqof tad-djoċesi tagħna kien għal xi snin kappillan tal-Fontana minn fejn kiseb esperjenza tajba tal-ħidma pastorali b'responsabbiltà ta' parroċċa, li mbagħad swietlu ferm għall-ħidma pastorali bħala isqof. Ħadem ukoll fis-Seminarju bħala professur tal-Filosofija, ta' l-Istorja tal-Knisja u bħala Prefett ta' l-Istudji. Is-Seminarju kien u għadu wisq għal qalb l-isqof Cauchi, tant li meta laħaq isqof għażel li jgħix fis-Seminarju biex ikun dejjem qrib il-benniena tas-saċerdoti tiegħu li huwa jħobbhom bħalma missier iħobb lil uliedu.

Ma ninsewx li fis-snin saċerdotali tiegħu, Mons. Cauchi ħadem f'diversi organizazzjonijiet pastorali fuq bażi djoċesana. Kien Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika, membru tal-Missjoni l-Kbira, direttur tal-MAS u ko-fundatur tal-Moviment ta' Kana fid-djoċesi tagħna. Huwa kien jara l-importanza tal-ħidma ta' dawn l-organizazzjonijiet, tant li meta nħatar isqof ra kif għamel u għenhom kemm felaħ biex jikbru u jwettqu effettivament il-ħidma tagħhom fostna.

Ma nistgħux ma nsemmux kemm Mons. Nikol Cauchi jemmen fil-*mass media*. Fl-1972 huwa waqqaf is-soċjetà *Lumen Christi* biex jiġu stampati u mxerrdin kotba b'messaġġ reliġjuż, u ma jitlef ebda okkażjoni biex jiltaqa' mal-poplu permezz tar-radju jew tat-televiżjoni. Matul is-snin tas-saċerdozju tiegħu, Mons. Cauchi tana numru kbir ta' kotba li llum jinsabu mxerrdin ma' Malta u Għawdex.

Kif wieħed josserva tajjeb, il-qofol tal-ħidma tiegħu bħala isqof kien li jaġġorna l-Knisja Għawdxija fuq il-linji tal-Konċilju Vatikan II. Dan ix-xogħol swielu ħafna riflessjoni u sagrifiċċji għax mhux la kemm tbiddel fehmiet qodma biex iġġedded il-Knisja bla ma tnaffar lil min hu iebes biex jaċċetta l-ġdid.

Illum nawgurawlu ***"Ad Multos Annos"*** u nwegħduh li kuljum nitolbu għalih biex il-Mulej ikompli jieqaf miegħu fl-appostolat tiegħu saċerdotali u episkopali.




*Seminarista Victor Said*

## Viżti ta' kortesija minn Ambaxxaturi diversi lil Mons. Isqof

L-Ambaxxatur Franċiż għal Malta żar lil Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi fil-Palazz tiegħu fi Triq ir-Repubblika nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar. Nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar, fil-għodu, l-Ambaxxatur Ġermaniż għal Malta għamel żjara ta' kortežija lil Mons. Isqof fil-Kurja. Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Frar, l-Ambaxxatur Amerikan għal Malta żar lil Mons. Isqof fil-Kurja.

## Missjoni kbira f'Għajnsielem

Il-Missjoni Djoċesana li ssir ta' kull sena f'waħda mill-parroċċi ta' Għawdex, din is-sena saret fil-Parroċċa ta' Għajnsielem mis-Sibt 19 ta' Jannar sal-Ħadd 3 ta' Frar 2002. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja Arċipretali ta' Għajnsielem fil-ftuħ kif ukoll fl-għeluq ta' din il-Missjoni. Hu ta sehmu wkoll f'wieħed mid-djalogi li saru matul il-ġimgħa f'din il-Missjoni l-Kbira.

## Tberik ta' l-Annimali f'Sant'Anton

Nhar il-Ħadd 20 ta' Jannar, fix-Xagħra, ġiet iċċelebrata l-festa ta' Sant'Anton Abbati, Patrun ta' l-Annimali. Dak in-nhar fil-għaxija Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Bażilika Kolleġġjata ta' Marija flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa. Huwa bierek ukoll l-ikel tipiku ta' Sant'Anton li tqassam f'din l-okkażjoni. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof waqt li faħħar il-virtujiet u l-qdusija ta' Sant'Anton Abbati, semma wkoll li anke aħna bħal dan il-qaddis, jeħtieġ li nagħtu widen għall-ispirazzjonijiet ta' Alla u nwieġbu għas-sejħat tiegħu. Wara mbagħad fil-Pjazza ta' San Anton Abbati, Mons. Isqof bierek l-annimali u s-sidien tagħhom waqt li dawn għaddew quddiemu biex jirċievu tifkira ta' l-okkażjoni. Il-funzjoni għalqet bl-għoti tal-barka sagramentali fil-Kappella l-qadima ta' Sant'Anton Abbati.

## Is-Sorijiet Franġiskani jiċċelebraw il-50 sena mill-mewt tal-Fundatriċi

Nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi



mexxa konċelebrazzjoni li għaliha attendew mijiet ta' sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li ġew mill-kunventi tagħhom mferrxa ma' Malta u Għawdex kif ukoll minn barra minn Malta. Madre Margerita Debrincat, fundatriċi tal-Kongregazzjonijiet tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, mwielda f'Ta' Kerċem, Għawdex għalqet ħamsin sena mejta fit-22 ta' Jannar 1952. Il-quddiesa saret fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Fl-omelija Mons. Isqof semma l-qdusija u l-ħajja missjunarja ta' Madre Margherita Debrincat u ħeġġeġ lil dawk preżenti sabiex jitolbu ħalli l-kawża tal-beatifikazzjoni tagħha li nbdiet ftit ilu tagħti l-frott meħtieġ. Fl-aħħar tal-funzjoni s-sorijiet qassmu *brochures* b'tifkira ta' din l-okkażjoni.

## Żjara ta' Isqof Anglikan

Nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar, l-Isqof Anglikan ta' Ġibiltà u l-Ewropa Mons. Geoffrey Rowley, għamel żjara lill-gżira ta' Għawdex. Fil-għodu, wara li mexxa s-servizz liturġiku lill-komunità Anglikana ta' Għawdex li nżamm fil-kappella tas-Seminarju, hu għamel żjara ta' kortežija lil Mons. Nikol Ġ. Cauchi, fejn tkellmu dwar il-ħajja reliġjuża fil-gżira. Fl-għaxija, l-istess isqof Anglikan mexxa servizz ekumeniku fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dan is-servizz kien organizzat mil-Leġjun ta' Marija f'Għawdex. Kien preżenti għal dan is-servizz il-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci li qara wkoll il-messaġġ ta' l-isqof għal din il-laqgħa ekumenika.

## Laqgħa għall-Ġenituri tas-Seminarju Minuri

Nhar il-Ħamis, 24 ta' Jannar, fil-għaxija, saret laqgħa lill-ġenituri tal-istudenti tas-Seminarju Minuri. Fost il-kelliema kien hemm Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Fr. Domenic Scerri O.P. u Brother Salvino Galea tkellmu wkoll waqt din il-laqgħa. L-għada, il-Ħamis, 25 ta' Jannar, kien hemm laqgħa ta' l-għalliema tal-iskejjel privati li għaliha attenda wkoll Mons. Isqof.

## Tberik ta' statwa ta' San Pawl fl-Għasri

Nhar il-Gimgħa 25 ta' Jannar, fil-għaxija, Mons. Isqof iċċelebra quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Għasri fejn bierek wkoll statwa ta' San Pawl Appostlu. Din se tkun meqjuma f'din l-istess knisja. Din l-istatwa hija xogħol fil-kartapesta minn idejn Renzo Gauci.

## Laqgħa għall-Assistenti Ekkleżjastiċi ta' l-Azzjoni Kattolika

Fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika, fi Triq Arturo Mercieca, Victoria, nżammet laqgħa għall-assistenti ekkleżjastiċi djoċesani u parrokkjali ta' l-Azzjoni Kattolika Għawdxija. F'din il-laqgħa barra mill-President Djoċesan s-Sur Emanuel Saliba u l-Assistant Ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika għal Għawdex Mons. Karm Hili, indirizza wkoll lil dawk preżenti Mons. Isqof li tkellem dwar ir-rwol ta' l-assistenti ekkleżjastiċi f'din il-għaqda ta' l-apostolat tal-lajċi.

## Festa ta' San Franġisk de Sales, Patrun tal-Ġurnalisti

Bħas-snin l-imgħoddija l-Festa ta' San Franġisk de Sales, Patrun tal-ġurnalisti, ġiet iċċelebrata quddiesa fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fi Triq Palma, Victoria. Iċċelebra din il-quddiesa Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali li għamel ukoll l-omelija dwar il-missjoni tal-ġurnalist Kattoliku. Din il-quddiesa saret is-Sibt, 26 ta' Jannar.

## Il-Premjazzjoni tal-Istudenti tal-Mużika (*Trinity College*)

Nhar is-Sibt, 26 ta' Jannar, fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk, inżammet il-premjazzjoni tal-istudenti tal-mużika li għamlu suċċess fl-eżamijiet ta' *Trinity College*, is-sena li għaddiet. L-istudenti ta' diversi grades daqqew bċejjeċ tal-mużika fuq il-pjanu. Kien hemm ukoll studenta li daqqet il-vjolin. Preżenti għal din iċ-ċerimonja minbarra r-rappreżentanti ta' *Trinity College*, kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi.

## Laqgħa għall-Kappillani ta' l-Isptar

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar, fil-għaxija, Mons. Isqof mexxa laqgħa għall-kappillani tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u ta' l-Ospizju mmexxi mis-Sorijiet Dumnikani tal-Madonna ta' Pompei. L-Isqof fisser ir-responsabiltà li għandhom il-kappillani ta' l-isptar u tkellem ukoll dwar il-ġid spiritwali li dawn il-kappillani jistgħu jagħmlu mal-morda u mal-qraba tagħhom. Għandu jiġi mqassam fuljett li fih il-morda jkunu mistiedna biex jaċċettaw is-sofferenza tagħhom bi spirtu nisrani. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll Mons. Ġorġ Grima, Delegat ta' l-Isqof għall-Pastorali Sanitarja.

## Tqassim tal-Bibbja lill-istudenti tas-Seminarju

Kif saret drawwa ta' kull sena , nhar l-Erbgħa 30 ta' Jannar, Mons. Isqof qassam kopji tat-Testment il-Gdid lill-istudenti ta' Form I tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. F'din l-okkażjoni nqraw xi siltiet mill-Bibbja, sar kant u Mons. Isqof għamel ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni. Qabel ma tqassmet il-Bibbja, l-Isqof tkellem dwar l-importanza tal-Bibbja, u ħeġġeġ lill-istudenti biex jaqraw ta' spiss siltiet mill-Kelma t'Alla u jirriflettu fuqha. Funzjoni simili sa tinżamm ukoll fl-iskejjel l-oħra ta' Għawdex.

## Ċelebrazzjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco

Fil-festa ta' San Ġwann Bosco nhar il-31 ta' Jannar, is-sorijiet Sależjani ta' Għawdex iċċelebraw il-festa tal-fundatur tagħhom. Saret quddiesa fil-kappella tagħhom mill-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi li għaliha kienu mistiedna wkoll l-istudenti tal-Iskola Laura Vicuna tas-Sorijiet Sależjani. Attendew ukoll il-membri ta' l-Oratorju Don Bosco u l-ġenituri tagħhom. L-Isqof, fl-omelija tiegħu, tkellem dwar San Ġwann Bosco u spjega r-raġuni għaliex dan il-qaddej t'Alla jissejjaħ l-appostlu tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-apostolat ta' l-istampa.

## Funeral ta' Dun Mikiel Buttiġieġ

Nhar it-Tlieta 5 ta' Frar fil-parroċċa tal-Qala sar il-funeral ta' Dun Mikiel Buttigieg li miet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fl-1 ta' Frar 2002 fl-għomor ta' 74 sena, wara marda twila li ġarrab b'rassenjazzjoni nisranija. Hu kien saċerdot inkarigat mis-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala għal dawn l-aħħar 25 sena. Il-korteo tal-funeral tiegħu kien immexxi mill-Banda *Ite Ad Josef* tal-Qala. Il-konċelebrazzjoni tal-funeral tiegħu tmexxiet minn Mons. Isqof li fl-omelija tiegħu semma d-diversi ħidmiet ta' Dun Mikiel u l-imħabba tiegħu lejn il-Verġni Marija.

## Preżentazzjoni u tberik tat-trabi f'Ta Pinu

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, jew aħjar il-Kandlora, nhar l-Erbgħa 6 ta' Frar, l-Azzjoni Kattolika tan-Nisa organizzat din il-funzjoni tal-preżentazzjoni tat-tfal lill-Madonna u tat-tberik tagħhom. Din inżammet fil-Bażilika ta' Pinu u l-Isqof, fl-omelija tiegħu, tkellem dwar is-sehem ta' l-ommijiet fl-edukazzjoni reliġjuża ta' l-ulied u fil-formazzjoni nisranija tagħhom. Għal din l-okkażjoni l-Isqof bierek id-domni tal-Madonna li mbagħad tqassmu fost dawk preżenti.



# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## Żjara minn Sindku Barrani

Nhar il-Ħadd 13 ta' Jannar il-Kunsill Lokali tal-Munxar kellu żjara mis-Sindku ta' Budleigh Salterton, East Devon, is-Sinjura Frances Carter. L-iskop ta' din iż-żjara kien sabiex jibdew it-tħejjijiet għall-ġemelaġġ ma' din il-lokalità. Is-Sindku tal-Munxar Joseph Sultana preżenta tifkira lis-Sinjura Carter fil-preżenza ta' Mark Bajada, Viċi-Sindku; Tony Grech, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill; u Georgette Bezzina Kunsilliera.







## Karnival

Il-Karnival ta' Għawdex kien iċċelebrat bejn il-Ġimgħa 8 u t-Tlieta 12 ta' Frar. Ittellgħu bosta attivatijiet in konnessjoni ma' dan iż-żmien kemm fil-Belt Victoria kif ukoll f'irħula oħrajn fosthom fin-Nadur fejn il-karnival spontanju ta' bil-lejl għal darb'oħra kien attrazzjoni kbira.

## It-Tieni Proġett



Bejn it-2 u d-9 ta' Frar il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz reġa' bbenefika mill-proġett *Youth* ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill ospita f'Għawdex grupp ta' tmintax-il tfajla minn Colle Umberto fi Treviso l-Italja. F'Diċembru 2001 grupp ta' tfajliet minn San Lawrenz kien mar f'Colle Umberto. Kienu bosta l-attivitajiet li ġew organizzati matul din iż-żjara fosthom ħarġiet edukattivi, kulturali u sportivi. Il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz ser ikompli ghaddej b'dan il-proġett u l-ħsieb tiegħu huwa li fl-1 ta' April jitfa' applikazzjoni oħra sabiex din l-esperjenza din id-darba jagħmluha grupp ta' ġuvintur mill-istess lokalità.

## Id-Dramm "L-Idjota" fl-Oratorju Don Bosco

Is-Sibt 16 ta' Frar ittella' dan id-dramm f'żewġ atti fl-Oratorju Don Bosco. Dan id-dramm, ibbażat fuq ir-rumanz famuż bl-istess isem ta' Dostoyevsky, sar b'inizjattiva ta' l-iskola tad-Drama tan-Nadur u d-diriġenti ta' l-Oratorju. Id-dramm kien addatament ta' Furio Bordon u maqlub għall-Malti minn Josephine Cachia, b'adattament u teknika drammatika moderni. Il-produzzjoni u d-direzzjoni kienet f'idejn Ġorġ Mizzi.

## Twaqqif ta' Kunsill għall-Volontarjat f'Għawdex

Matul ix-xahar ta' Jannar saru diversi laqgħat ma' l-għaqdiet mhux governattivi sabiex jitwaqqaf il-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat f'Għawdex. L-għanijiet ewlenin ta' dan il-kunsill ser ikunu sabiex jissaħħaħ u jiġi żviluppat dejjem aktar dan is-settur tant importanti għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja Għawdxija. Dan il-Kunsill ser ikun magħmul minn ħmistax-il membru.

## Diskussjoni dwar il-kwistjoni tal-Parkeġġ fir-Rabat

Saret laqgħa pubblika, l-Ħadd 10 ta' Frar, rigward is-sistema ġdida ta' parkeġġ fil-Belt Victoria. Il-laqgħa tmexxiet mis-Sur Manwel Delia, *Chairman* ta' l-i*Steering Committee* li kien introduċa din is-sistema fis-26 ta' Novembru, 2001. Il-pubbliku preżenti għal-laqgħa ppartecipa b'diversi ilmenti kif ukoll suġġerimenti. Ħafna sidien ta' ħwienet oġġezzjonaw għal din is-sistema u urew ix-xewqa li din is-sistema titjieb inkella titneħħa. Oħrajn issuġġerew li l-Fontana m'għandhiex tkompli tapplika din is-sistema ta' parkeġġ. Kien hemm ukoll tgergir għan-nuqqas ta' informazzjoni lill-pubbliku rigward is-sistema użata. Is-Sindku tal-Belt Victoria, is-Sur Paul M. Cassar, qal li ħafna mill-punti li qamu waqt il-laqgħa kienu ġew diskussi fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Huwa wera x-xewqa li l-kummenti li saru jingħataw widen u jittieħdu l-passi neċessarji.

## Figuri ta' vjaġġar bejn il-gżejjer




Matul tmiem il-ġimgħa tal-Karnival, bejn il-Ġimgħa, 8 u t-Tlieta, 12 ta' Frar ivvjaġġaw 39, 871 persuna bejn Malta u Għawdex. Din il-figura hija kemmxejn ogħla min-numru ta' passiġġieri li qasmu bejn il-gżejjer fl-istess perijodu tas-sena l-oħra. Karozzi qasmu 11,496 filwaqt li trakkijiet kien hemm 222. Ta' min jinnota ż-żieda sostanzjali fit-turiżmu ntern, jiġifieri l-għadd dejjem jikber ta' Maltin li qegħdin jippreferu jiġu Għawdex flok isiefru għal vaganza.



## *Approvazzjoni*

Il-Ġimgħa 15 ta' Frar kien approvat il-proġett tat-*Terminal* taċ-Ċirkewwa mill-Awtorità ta' l-Ippjanar waqt laqgħa pubblika tal-Bord ta' l-Awtorità. Dan il-proġett se joffri l-faċilità lill-passiġġieri li jkunu separati minn fejn jgħaddu l-vetturi permezz ta' *gang ways* li jwasslu mill-vapur għat-*terminal*. It-*terminal* ser ikollu tliet sulari u ser jinkludi uffiċini, *substation*, *plant room* u *waiting room* fost l-oħrajn. Hemm ukoll sistema ta' *parking* għall-vetturi u sistema ta' traffiku li tkun ħielsa minn kull konġestjoni għal waqt it-trasbord tal-vetturi li jkunu sejrin lejn Għawdex jew ġejjin lura.

## *Lm 15,000 f'għotjiet lill-Għaqdiet*

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono qassmet għotjiet li jammontaw għal madwar Lm15 000 f'inċentivi lill-għaqdiet mhux governattivi Għawdxin. Il-Ministru uriet l-apprezzament tagħha lejn il-ħidma li jwettqu dawn l-għaqdiet. Hija ħabbret li dalwaqt l-għaqdiet ikunu jistgħu jużaw is-servizzi li ser jipprovdi ċentru f'Marsalforn. Kienu 81 għaqda li bbenefikaw minn dawn il-flus. Din il-għotja saret il-Ġimgħa 1 ta' Frar.





## *Aktar għotjiet għal Inizjattivi Kulturali*

Il-Ġimgħa 1 ta' Frar ġew imqassma Lm8 000 għall-inizjattivi kulturali f'Għawdex. Permezz ta' skema mnedija mill-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, għaqdiet u individwi jgawdu minn għajnuna finanzjarja għal inizjattivi kulturali li jkunu saru matul is-sena li għaddiet.




## *Ftehim dwar għajnuna lir-Respite Centre*

F'laqgħa li saret bejn il-Gvern u l-Fondazzjoni Arka ntlaħaq ftehim dwar il-prijoritajiet u l-qafas li fuqu tista' tkun żviluppata kooperazzjoni bejn iż-żewġ naħat. Ser jinħatar kumitat tekniku konġunt, bil-għan li f'qasir żmien jinħadmu dettalji tal-ftehim li s-servizzi li toffri l-Fondazzjoni Arka jiżviluppaw bħala parti mill-pjan nazzjonali għal servizzi residenzjali, u servizzi oħrajn għall-persuni b'diżabilità. Iż-żewġ naħat qablu wkoll li tissaħħaħ il-koperazzjoni bejniethom fis-servizzi li jipprovdu lill-persuni b'diżabilità f'Għawdex, biex isir l-aħjar użu tar-riżorsi eżistenti.

Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Pagna mill-Arkivju Nazzjonali - 103

Riċerka ta'
Joseph Bezzina
©2001

# PONT ĠDID GĦAĊ-ĊITTADELLA

Id-dokument numru mija u tlieta li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas għal ġarr ta' l-injam li sar nhar it-23 ta' Marzu 1703, b'konessjoni mal-pont il-ġdid fuq il-foss taċ-Ċittadella. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1701–1702), folju 29r (NAG, UG, *Acta*, 9/1701–1702, f. 29r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Ad Agostino Xikluna et ad altri undici bordonari che han trasporti dal Migiarro al Rabbato due balzi ed altro legname in servizio del nuovo ponte del Castello scudi tre, tarì cinque, e grani dieci di moneta, li 23 marzo 1702.**

Il-pont li jissemma f'dan id-dokument ġa semmejnih f'Dokument Numru 99 (Novembru 2001). Il-pont kien igħaqqad it-Telgħa tal-Belt mar-rampa li kienet twassal sa Bieb il-Belt jew iċ-Ċittadella. It-Telgħa tal-Belt hi dik it-triq li mill-Pjazza tat-Tokk twassal saċ-Ċittadella u din, tliet mit sena wara, għad magħrufa bl-istess isem.

Dan il-pont kien beda jissewwa tul is-sena 1701. Milli jidher meta beda x-xogħol instab li kien f'kundizzjoni xejn tajba u ttieħdet id-deċiżżjoni li jinbena mill-ġdid. Fil-fatt dan id-dokument jitkellem fuq *nuovo ponte*.

Id-dokument ippubblikat hawn fuq hu ħlas li sar lil Agostino Xicluna u ħdax-il burdnar ieħor, li aktarx kien qabbadhom hu, biex iġorru *due balzi* u *altra legname* mill-port ta' l-Imġarr għal ħdejn il-pont li kien qiegħed jinbena.

Il-*balzi* huma *cinture colle quali si reggono in aria i marinari o altri.* bil-Malti, buzzelli, għamla ta' rukkell b'toqob u kanali għal ħbula li jridu jduru fih biex itellgħu u jniżżlu qlugħ abbord jew ħwejjeġ oħra. F'dan il-każ mir-rukkell kienu jiddendlu l-ħbula u ma dawn kienu jitwaħħlu l-fallakki, biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jinżlu fuqhom ħalli jibbattmaw u jkaħħlu. Il-buzzelli kienu jkunu par, għalhekk aktarx inġiebu żewġ pari għax-xogħol fuq il-pont.

Il-*legname*, l-injam kien jintuża għall-armar u, speċjalment, meta jkun isir il-bini tal-ħnejjiet tal-pont. Meta jitqiegħed samrott minn kull naħa tal-ħnejja, kienu jpoġġu ġebla l-istess għoli tas-samrott kull naħa ħalli s-samrotti jinżammu f'posthom. Imbagħad fuq dawn iż-żewġ ġebliet kienu jagħmlu tavla min-naħa għall-oħra biex jirfdu s-samrotti u fl-istess ħin biex isservihom ta' sodda għall-ġebel li jkun irid jitqiegħed mas-samrotti tas-saff li jkun imiss.

L-ispiża għall-ġarr ta' l-armar tal-buzzelli u l-injam telgħet għal tliet skuti, ħames irbigħi, u għaxar ħabbiet. Skut hu ftit iktar minn tmien ċenteżmi, 0.21 Euro.





# PROGRAMM

## TAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET
## FL-OKKAŻJONI TAL-ĠUBLEW TAD-DEHEB
## TA' L-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI
## TA' L-EĊĊELLENZA TIEGĦU
## MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI
### ISQOF T'GĦAWDEX

**IL-ĠIMGĦA, 15 TA' FRAR 2002**

**5.30p.m.** Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan għas-Santwarju Ta' Pinu u wara Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru.

**IS-SIBT, 6 T'APRIL 2002**

**5.30 p.m.** Konċelebrazzjoni fil-Knisja Katidrali mmexxija minn Mons. Isqof flimkien mas-saċerdoti djoċesani u regolari. Mistiedna l-komunità nisranija tad-djoċesi.

***KONĊELEBRAZZJONIJIET FIL-KOLLEĠĠJATI***

**IT-TLIETA, 23 T'APRIL 2002**

**Filgħaxija** Mons. Isqof imexxi Konċelebrazzjoni fil-Bażilika ta' San Ġorġ flimkien mal-Kapitlu u Kleru ta' l-istess parroċċa.

**IL-ĦADD, 28 T'APRIL 2002**

**8.30 a.m.** Mons. Isqof jikkonċelebra flimkien mal-Kapitlu u Kleru fil-Bażilika tan-Nadur.

**IT-TNEJN, 27 TA' MEJJU 2002**

**Filgħaxija** Mons. Isqof imexxi Konċelebrazzjoni fil-Bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru.

## IL-ĠIMGĦA, 31 TA' MEJJU 2002

**Filgħaxija** Mons. Isqof jikkonċelebra mal-Kapitlu u Kleru tal-Bażilika ta' l-Għarb fejn l-Isqof kien għamel l-Ewwel Quddiesa Solenni wara l-Ordinazzjoni tiegħu.

## *SIEGĦA ADORAZZJONI FIL-PARROĊĊI*

Fix-xhur ta' April u Mejju f'dati diversi li jkunu mħabbrin f'kull parroċċa rispettiva, Mons. Isqof imexxi Siegħa Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat flimkien mal-kleru u l-poplu tal-parroċċa. Għal din is-siegħa adorazzjoni ikunu mistiedna wkoll il-ġenituri tat-tfal li din is-sena se jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof.

## *NOVENA TA' TALB FIS-SANTWARJI MARJANI TAD-DJOĊESI*

In-Novena tibda fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja tal-patrijiet Kapuċċini nhar il-Ġimgħa 12 t'April 2002, u tkompli fil-Katidral, f'Ta' Pinu, fl-Għarb, f'ta' Pompej (Victoria), fix-Xagħra, fiż-Żebbuġ, f'Kerċem, u fil-knisja tal-Patroċinju (Għasri). Din in-Novena ta' Talb Marjan organiżżata mil-Leġjun ta' Marija tkun kull darba mmexxija minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi.

## SERATA TA' TIFKIRA - IL-ĦADD 28 T'APRIL 2002

**5.30 p.m.** Serata b'tifkira ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons. Isqof organizzata mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex fid-Dar Ċentrali.

## WIRJA DJOĊESANA

Matul ix-xahar ta' Mejju fis-Sala tal-Wirjiet fil-Ministeru għal Għawdex se ssir Wirja dwar id-diversi inizjattivi u attivitajiet li twettqu fid-Djoċesi ta' Għawdex f'dawn l-aħħar 50 sena.





# L-Isqof Cauchi kif nafu jien: Kappillan, Filosofu u Ġurnalista

jikteb Pawlu Mizzi

Mhux lakemm tikteb fuq min taf jew tqim. L-immaġinazzjoni aktarx tiġri bik. U l-griż għandu mnejn jidher abjad, u l-abjad iżjed abjad, tant li l-fiżonomija proprja tiegħu tintilef. Hekk ġrali dan l-aħħar x'ħin qbadt nikteb fuq l-Isqof Cauchi. Quddiem għajnejja ma beda jiġi xejn ħlief il-pittura sabiħa tiegħu bir-rukkett u l-muzzetta, ippużat ma' siġġu, u li dan l-aħħar rajt ġo waħda mis-sagristiji tal- parroċċi tagħna. U li kieku ma kienx għal ritratt tiegħu żgħir fl-album tiegħi, qassis żagħżugħ fuq mejda quddiem mikrofonu qed jindirizza konferenza, kieku kelli mnejn ninħela fuq deskrizzjonijiet ta' pontifikali u purċissjonijiet imponenti li s-soltu naraw fil-festi tal-parroċċi tagħna.

Dak ir-ritratt, iżda, ġabli gzuz ta' memorji. Kont ġbidtu waqt waħda mil-laqgħat li kien għamel fl-Oratorju Don Bosco ftit wara li kien laħaq kappillan fil-parroċċa tiegħi tal-Qalb ta' Ġesù, it-Triq ta' l-Għajn.

Kienet l-ewwel darba li kont iltqajt miegħu wara żmien li konna ħallejna l-bankijiet ta' l-iskola meta konna fil-kwinta tas-Seminarju ta' Għawdex. Dak kien żmien ieħor. Bilkemm konna nafu lil xulxin. Hu kien ġej mil-Lyceum, dik il-ħabta l-krema ta' l-istudenti Għawdxin, u jien mill-kurriduri mdallma tas-seminarju minuri. Kont intern, u b'Dun Klement Buttigieg ministru tagħna, l-komunikazzjonijiet bejnietna ma kienu xejn faċli. Segregazzjoni assoluta. Li ma nitniġġsux b'xi influenza ġdida li kienet qed tinfiltra gżiritna mar-refuġjati...

Nikol kien kwiet imma fuq tiegħu, u mhux lakemm jintnibex waqt il-lezzjoni. L-imġieba tiegħu, għalhekk, laqtitni għax għalkemm ma kenitx l-aħjar mudell għalina l-isfrattati, kien dejjem lest jiddjaloga u jiċċajta. Ma kienx, fuq kollox, imħarbat bħal xi oħrajn. Għal uħud minna, li kien mill-Għarb kienet iġġibilna suġġizzjoni. Għax, għalkemm żgħir, ir- raħal kien magħruf għad-deħen u l-għaqal. Ftit xhur biss għamilna flimkien. Għalina, imma, kienu biżżejjed biex inkunu nafu lil xulxin u nindunaw li f'kollox kien jgħaddina lkoll. Miegħu kellna wkoll lil kuġinuh, ċertu Ġużeppi Cauchi, li sar ukoll saċerdot u baqa' sa meta miet xempju tat-tjubija u qdusija.

Kif ġa għidt, kont erġajt iltqajt miegħu snin wara meta kien diġà qassis. Kien mimli enerġija, ilaħħaq ma' kollox. jgħallem, jamministra s-sagramenti, jagħti konferenzi. Fit-taħdidiet li kien jagħmel kien jissummani. Il-mod tiegħu ta' komunikazzjoni kien differenti minn ta' qassisin oħra. Kien jipprepara u jaf is-suġġett tajjeb. Aktarx għax kien wieħed mill-ftit li dak iż-żmien kienu jmorru jistudjaw barra. U m'għandix dubbju li kienu l-esperjenzi tiegħu fil-Gregoriana li tant mexxewh 'l quddiem u għamluh popolari.

Ftit wara li l-isqof Pace ħatru Prefett ta' l-Istudji fis-Seminarju, kellu jitlaq il-ħidmiet pastorali ta' kappillan. Jien ukoll dik il-ħabta kont bdejt l-istudji tal-BA f'Malta u qtajt ħesrem il-kuntatti li kelli miegħu. Dun Nikol, iżda, baqa' dejjem il-kappillan tiegħi. U kont insegwih, anke jekk mill-bogħod. Donnu li ma' xulxin kien hemm rabta ta' interessi komuni. Fil-fatt it-tnejn konna b'xi mod involuti f'attivitajiet ta' komunikazzjoni soċjali. Dun Nikol mal-Moviment Azzjoni Soċjali, jien mat-*Times of Malta* bħala korrispondent.

Il-pubblikazzjonijiet bikrin tiegħu ma kienux ftit. Ħareġ kemm-il ktieb u kien jikteb f'għadd ta' ġurnali u perjodiċi xjentifiċi. Għax bħalma kienu jgħidu letterati

Ingliżi: *publish or perish*. L-aktar dak iż-żmien meta f'pajjiżna l-allat letterarji kienu l-barranin. Niftakar lil Blouet, Price, Buosevan u lil Christopher Kenninmoth tal-*British Council*. Kulma kienu jiktbu kien qisu vanġelu. Inbusu l-kotba tagħhom kien ikun jonqosna. Imbagħad tfaċċaw kittieba żgħażagħ bħal Ġorġ Pisani, Mary Mejlak, Ġorġ Scicluna, Dun Anton Gauci u Dun Nikol Cauchi. Għawdxin bħalek u bħali. U bdejna nindunaw li anke aħna kellna moħħ bħal ħaddieħor.

Il-kitba ta' Dun Nikol ma damitx ma bdiet tagħmel impatt. Fost l-ewwel li ntlaqat biha kien Dun Charles Vella, fundatur tal-Moviment ta' Kana. U kif stqarrli dan l-aħħar hu stess, kien mar apposta Għawdex biex jiltaqa' miegħu. "*Dak moħħu ċar u jaf minn x'hiex għaddejja l-familja maltija*", kien qal lil Edmea Tabone. U Dun Charles ma ħasibhiex darbtejn biex jaħtru konsulent morali tal-moviment ġdid tiegħu Kana.

Dun Nikol, iżda, ma waqafx hemm. Kien jemmen fis-saħħa tal-pinna u, f'dinja fejn il-ktieb kien qed isib postu f'kull dar, il-pubblikazzjonijiet kienu qed jikkomplimentaw, jekk mhux jieħdulhom posthom, l-omeliji u l-konferenzi. Il-problematika reliġjuża li kienet qed tinkwieta il-padri konċiljarji fil-Konċilju Vatikan II, kienet bdiet tberraq ukoll f'pajjiżna. Ma' l-affluenza ta' wara l-indipendenza fl-1964 bdew deħlin ideat ġodda, ħafna minnhom imqanqlin minn preġudizzji kontra r-reliġjon. Dun Nikol għaraf u fehem din il-qagħda soċjali, u meta fl-1967 sar isqof Amministratur Apostoliku tad-Djoċesi Għawdxija u t-toqol tal-problemi soċjali kien beda jagħfas sewwa, ma tnikkirx.

Ħoloq minnufih l-għodod meħtieġa fil-komunikazzjoni soċjali: fuljetti, kotba, u ġurnali. Biex fejn ma jasalx bil-kelma jasal bil-kitba. Ma ddejjaqx jonfoq fuq modernizzar ta' l-istamperija, u fl-1972 (30 sena ilu) waqqaf dar tal-pubblikazzjoni tad-djoċesi. Semmiha *Lumen Christi* (Dawl Kristu), naħseb biex bħal San Pawl tagħti servizz missjunarju billi xxandar il-veritajiet tal-kelma ta' Kristu.

Il-kummenti bħas-soltu ma naqsux. Din l-inizjattiva editorjali ġdida tiegħu tefgħetu f'għajn ir-riefni. U min jgħid li qed jonfoq ħafna flus għalxejn, min li qed jgħaġġel għax lill-Għawdxin il-kotba ma tantx jinteressawhom, u min li ma jafx għal x'hiex kien dieħel! Profs. Aquilina li bħalu kien jaf x'setgħa kellha l-kelma miktuba, stqarr miegħi li l-Isqof kien qed jaqbad il-barri minn qrunu. Kien sa jaqta' l-ktajjen ta' l-injoranza. Kif



*Prof. Carm Sant qed jippreżenta lil Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex, kopja ta' "Il-Bibbja bl-Istampi". Fir-ritratt, mix-xellug għal-lemin jidhru Joe Mizzi, Produttur Bibbja; Pawlu Mizzi, Direttur tal-Klabb Kotba Maltin; Kan. Dun Joe Mejlak, konsulent; u l-Kav. Joe M. Attard, rappreżentant tal-K.K.M. f'Għawdex.*



*Mons. Nikol Ġ. Cauchi, (it-tieni mix-xellug) mal-President Dr. Anton Buttigieg, dak iż-żmien Ministru tal-Ġustizzja, s-Sur J. Galea, is-Sur Jos. Cefai u Mons. Anton Gauci.*

xtaq Vassalli mitejn sena qabel. Din il-ħeġġa kont ilni naraha fih. Forsi ma kienitx koinċidenza li hu u miegħu ħbieb oħra mill-Għarb, fosthom Salvu Debrincat, Salvu Portelli u Wiġi Portelli, kienu minn ta' l-ewwel li xxierku fil-*Klabb Kotba Maltin* li kont waqqaft jien fl-1971. Għadhom jidwu f'widnejja t-tħeġġiġ ta' kliemu għal din l-opra dakinhar li kxifna l-monument ta' Laurent Ropà fil-Villa Rundle.

Mill-bidu ta' l-episkopat tiegħu n-nuqqas ta' komunikazzjoni kien identifikah fost il-problemi ta' gżiritna. Il-laqgħat tiegħu mal-kleru, l-aktar mal-kappillani, għalija ma kinux sempliċi viżti ta' kortesija. L-għan ewlieni ta' l-Isqof Cauchi kien bla dubbju li jgħallem. Ried madwaru kleru istruwit li jkun jaf sewwa x'inhuma l-veritajiet tal-fidi. Imma, barra minn hekk, ma jneħħili ħadd minn moħħi li ried ukoll jitgħallem. Kien ilu biex jaqta' moħħ il-kleru tiegħu mill-medjuevu li kien isaltan fil-Knisja ta' tfulitu. U issa li ġietu x-xoqqa f'moxxtha bid-dispożizzjonijiet tal-Konċilju Vatikan II ma xtaqx jitlef żmien. Il-Knisja għalih kienet in-nies, il-*Christi fideles* kollha. U kien għalhekk fid-dmir li jkun jaf kif il-merħla, fdata lilu, kienet tgħix. Il-problemi soċjali tagħhom kienu problemi soċjali tiegħu. Daqs kemm kienu dawk reliġjużi. Ma kienx jibża', għalhekk, joħroġ għonqu għalihom. U fejn kien jara' inġustizzji jew korruzzjoni kien jitkellem.

Niftakar każ li kien qajjem ferment kbir: l-isfruttament tal-ħaddiema tal-*cottage industries* f'tarf is-snin sittin. Kont dħalt ftit fih jien ukoll għax billi dak iż-żmien kont nipproduċi *It-Tokk*, il-magażin televiżiv għal Għawdex, kelli ntella' *feature* fuqu. Skond Susan Mulvaney, dik il-ħabta korrispondenta soċjali f'*It-Torċa*, il-każ kien investigat sewwa u kellu jiftaħ għajnejn bosta politiċi.

Il-politiċi, iżda, flok fetħu għajnejhom għalquhom, u d-diskussjoni fuq dan l-isfruttament skandaluż baqgħet sejra sa lejlet l-elezzjonijiet ta' l-1971. L-isqof ma setax ma jitkellimx. U fil-Pastorali tiegħu ma beżgħax jitkellem ċar fuq l-esplojtazzjoni tal-ħaddiem iż-żgħir. Jekk il-*feature* tiegħi fetħet għajnejn il-politiċi, niggarantielkom li l-Pastorali ta' l-Isqof Cauchi għeżżet l-art taħt saqajhom.

Il-kuraġġ ta' l-Isqof Cauchi dak iż-żmien kien sar proverbjali. Mill-gallerija politika mnejn kont qed narah jien, ma tantx kien irċieva kumplimenti. Kien hemm min il-ftit griż li kien jara fih bidilulu f'iswed. Uħud sa pinġewh aħmar. Iż-żmien, iżda, taħ raġun. Għax, kif kien ikkummentali wieħed ħabib tiegħi ġurnalista, "mhux biss għen lil dawk li għal sikspens (madwar ħames ċenteżmi fil-flus tal-lum) fis-siegħa kienu jishru biex itellgħu pulzier bizzilla, imma talli kliemu għolla l-kredibilità tal-Knisja fl-aktar oqsma politiċi antiklerikali ġo pajjiżna."

Għaddew aktar minn 30 sena minn din il-ġrajja. Il-problema, jekk ma tneħħietx almenu ttaffiet. U hekk

ukoll il-parrokjaliżmu li għal xi żmien kien għoddu fired 'il-ġensna b'purtiera tal-ħadid. Il-ġlieda kontra d-droga u pjagi soċjali oħra għadha sejra. L-Isqof Cauchi, iżda, ma' jaqtax qalbu.

"*Nistħajlek David jissielet ma' Gulija*," qallu darba quddiemi l-Prof. Carmelo Sant. Konna dakinhar qed nippreżentawlu kopja tal-*Bibbja bl-Istampi*. L-Isqof tbissem: "*Tgħidlix li int ukoll qed tarani qsajjar u mbaċċaċ?*" Kulħadd daħak. Għadu mimli b'dat-tip ta' umoriżmu. Lill-Prof. Sant kien impressjonah. U wara, aħna u ħierġin mill-Kurja qalli: "*Dan huwa l-istil tal-mexxejja tal-lum. Li jkollok kelma faċli, ċajtier, u qalbek miftuħa għal kulħadd!*"

Kien kumment li ma nsejtux. Fil-fatt lill-Isqof Cauchi dejjem hekk rajtu jien. U hekk ukoll jarawh dawk il-mijiet ta' semmiegħa ta' l-RTK li kull nhar ta' Ħamis filgħodu jisimgħuh fil-programm "*Il-Kelma ta' l-Isqof*". U magħhom ngħodd ukoll lil marti. Tissaħħar tisimgħu. Għax, tgħid, jgħallem bi tbissima. U ma jdejqikx lanqas meta xi ħadd jinterrompih fuq tal-qubbajt. L-umiltà ċajtiera tiegħu trattab lil min ikun irid ifixklu. "*Il-qubbajt issemmihulix. Għax inħobbu u ma tantx jiswa għalija billi għandi z-zokkor*", rimarka ċajtiera li f'nofs diskussjoni serja fuq is-santità tat-tempju t'Alla tista' twassal messaġġ aktar 'l hemm mill-għajjat u l-arroganza.

Għandu tassew ħabta jidħol fis-suġġett. Nhar il-Ħamis li għadda (31 ta' Jannar) sammarni mar-radju lili wkoll. Kien jum Don Bosco. U bħala Donboskjan ridt nisma' x'kellu x'jgħid fuq Don Bosco u s-sistema edukattiva tiegħu. Don Bosco lili jeżaltani, u jeżaltani wkoll min jitkellem fuqu u fuq ir-rivoluzzjoni edukattiva li wettaq fost iż-żgħażagħ. U tgħaxxaqt nisimgħu.

Kemm fakkarni fi żminijiet sbieħ! Ħdejn Santu Wistin! Mas-Salesjani! Fr. Mizzi, Fr. Mangion, Fr. Debono! It-tijatrini, il-futbol. X'nostalġija! Imbagħad it-taqlib. Il-qassisin ħabrieka biex jimlew posthom. U l-kappillan tiegħi waqt il-konferenza dakinhar li kien ġie msejjaħ biex imur Ruma! U żgħażagħ jiġru u jilagħbu. U tfajliet u ġuvintur mehdija b'ħidmiet ta' voluntarjat. L-Arka, l-Oasi, Qlub tad-Deheb! Kont qisni f'dinja tal-ħolm!

Komplejt nisimgħu. Leħnu kien għadu l-istess qisu tal-kappillan ta' dari. Ċajtier. Meqjus. Kiebi. Imma fuq kollox mimli għerf u tjubija.

Fakkarni f'dik il-lejla meta fuq il-fonti tal-magħmudija tal-parroċċa tat-Triq ta' l-Għajn għammidli lil binti. Kienet għodda għoxiet x'ħin ħasset l-ilma fuq rasha t-tarbija u ma waqfitx qabel telaq. "*Beżżajtha!*" qal jitbissem. "*U dan għax ftaħtilha bieb il-Ġenna!*" Kulħadd kompla miegħu jidħak. Imbagħad dar lejja u qalli: "*Issa qis li tgħidilha meta tikber li anke il-bieb tiegħi ftaħtilha u dejjem jibqa' miftuħ għaliha.*"

Minn dakinhar sirt nafu aktar lil dan il-kappillan tiegħi. Ma kienx għadu għalija l-istudent bravu li kien jgħaddina lkoll fil-klassi. U lanqas il-qassis mill-Għarb maqtugħ għalih. Fetaħli beraħ bieb li ma jingħalaq qatt. Il-bieb tal-qalb fejn tgħammar is-sinċerità. Għax il-mandat tal-maġisteru li bih Kristu għana lill-appostli ma nsih qatt. U la meta libes it-toga u lanqas għax xedd il-mitra. Baqa' dak is-saċerdot onest u sempliċi, lest dejjem biex jgħin liċ-ċorma, l-aktar lil min fostna jterraq toroq bla tmiem mimlija ħotob u ħofor biex isib il-wens u s-sliem.

Dan huwa l-Isqof Cauchi, jew aħjar 'Dun Nikol', il-kappillan tiegħi, il-filosofu u l-ġurnalista kif nafu jien, u kif nemmen li jafuh il-biċċa l-kbira li għexu miegħu tul dawn il-ħamsin sena ta' saċerdozju.


# RAYMOND CEFAI
## *TAL-KELBA LTD.*

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE &**
  **GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**



# L-Isqof Cauchi: L-Ispirazzjoni tal-Lajċi Għawdxin

**Kummenti ta' Anton Farrugia**

Matul il-50 sena li l-E.T. l-Isqof Cauchi ilu jaħdem bħala saċerdot u ragħaj spiritwali tal-poplu għawdxi, huwa kellu sehem kbir fit-tnissil u l-iżvilupp ta' l-Għaqdiet tal-Lajċi fil-gżira t'Għawdex. U meta ngħidu Għaqdiet tal-Lajċi ma nifhmux biss għaqdiet spiritwali, għaqdiet ta' apostolat, imma anke organizazzjonijiet oħra ta' natura soċjali, edukattiva, u kulturali.

L-Isqof Cauchi jemmen ħafna (u dan ġie li stqarru f'xi pastorali tiegħu tar-Randan) f'dak li spjega l-Papa Ġwanni XXIII fl-enċiklika "*Pacem in Terris*" meta qal li "*biex soċjetà tħaddan normi veri u prinċipji nsara mhux biżżejjed li wliedha igawdu d-dawl tal-fidi, imma jeħtieġ ukoll li huma jidħlu f'diversi istituzzjonijiet u jaħdmu fihom minn ġewwa*". Għall-Isqof Cauchi dawn l-istituzzjonijiet kienu kif kompla jispjega l-Papa fl-istess paragrafu: "*dawk kollha li għandhom għan ekonomiku, soċjali, kulturali u anke politiku*" (*Pacem in Terris*, p.146-147).

Kien għadu kważi fil-bidu tal-ħajja pastorali tiegħu, ftit snin wara li qaddes, meta Dun Nikol ġie magħżul biex ikun kappillan tal-Fontana. Fis-7 snin li dam kappillan tal-Fontana huwa mexxa 'l quddiem l-għaqdiet tal-lajċi tal-parroċċa.

L-Isqof Cauchi kellu sehem kbir ukoll fil-qasam soċjali t'Għawdex. Huwa beda l-Moviment Azzjoni Soċjali f'Għawdex u dam president ta' din l-Għaqda għal għaxar snin sħaħ sa ma ġie ordnat Isqof Awżiljarju t'Għawdex fis-sena 1967. Tgħidx x'ma għamilx Dun Nikol biex itejjeb il-qagħda soċjali ta' l-għawdxin. Huwa ġabar madwaru grupp ta' attivisti lajċi ħabrieka u mpenjati, u flimkien issieltu u ħadmu a favur ta' kull kategorija tal-poplu Għawdxi.

- Tħabat Dun Nikol biex jiżdiedu l-postijiet tax-xogħol f'Għawdex;
- Saħaq ma' l-awtoritajiet ċivili biex tinbena ż-żona industrijali f'Għawdex;
- Tħabat biex jinfetħu skejjel tekniċi u tas-snajja;
- Ħadem bla mistrieħ biex itejjeb l-kundizzjoni tal-bdiewa, raħħala u sajjieda, u saħansitra ta' bidu biex titwaqqaf kooperattiva għall-bdiewa u s-sajjieda għawdxin;
- Tħabat biex isolvi ħafna mill-problemi li magħhom kienu jħabbtu wiċċhom l-għawdxin li jaħdmu Malta, speċjalment is-sefturi li kienu tabilħaqq sfruttati mill-għonja Maltin.



Permezz tal-kitba prolifika tiegħu, il-ħajja ġurnalistika tiegħu, u anke permezz tax-xandir fuq ir-*rediffusion* u fuq ir-radju, l-Isqof Cauchi kien (u għadu) verament l-ispirazzjoni tal-lajċi biex itejjbu l-ordni temporali u jinbnew aktar fis-sod fil-mixja spiritwali ta' ħajjithom. Għal snin sħaħ issa, ilu jtambar minn fuq l-istazzjon tal-Knisja l-RTK dwar id-dmir tal-lajċi li bi pjani u b'inizjattivi liberi tagħhom, mingħajr ma jistennew passivament direttivi minn band'oħra, jaħdmu għall-ġid komuni, ħalli b'hekk tinbena fil-gżejjer tagħna komunità b'sens nisrani.

Għall-istudenti, l-Isqof Cauchi kien u għadu jitħabat. Kien hu li ħoloq l-"*Għaqda ta' l-Istudenti*". Għadu sal-lum ma jitlifx okkażjoni waħda li jmur fl-iskejjel sekondarji u fi "*Prize Days*", f'"*Open Days*", eċċ., iħeġġeġ lill-istudenti u jisħaq kif l-edukazzjoni u l-kultura għandhom jirrispettaw l-ordni morali, u kif iż-żgħażagħ għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-ħin liberu tagħhom.

Tabilħaqq, l-Isqof Cauchi hu ispirazzjoni kontinwa biex il-lajċi kollha kattoliċi ta' pajjiżna, hi x'inhi l-kariga jew professjoni tagħhom, jagħtu sehemhom u jwettqu ħidma, ħalli l-poplu malti u għawdxi jkun aktar iffurmat b'edukazzjoni kulturali u reliġjuża sewwa u kif imiss.



Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.



# Is-Saċerdot Kattoliku

Ħsibijiet ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

**Is-Sinifikat u t-Tifsira tal-**

## MINISTERU SAĊERDOTALI

Is-saċerdot li jrid jgħix skond il-vokazzjoni tiegħu jeħtieġ li jżomm quddiem għajnejh tlett idejat teoloġiċi li jiswew biex jagħtu tifsira sopranaturali lill-ħajja saċerdotali.

### IS-SAGRAMENT

L-Ordni Sagri mhux biss jagħti lill-presbiteru mandat ġuridiku, iżda jagħmel minnu għelm sagramentali u persunali ta' KRISTU ĦAJ U ATTIV fost il-poplu tiegħu.

### IL-MISSJONI

Is-saċerdot għandu missjoni x'jaqdi - programm ta' ħidma li ma jfasslux huwa kif jaqbillu, imma skond ir-rieda ta' Dak li bagħtu.

Il-*Presbyterium Ordinis* tgħidilna: "Il-presbiteri tal-Patt il-Ġdid, bis-sejħa ta' l-Ordinazzjoni tagħhom, b'xi mod jintgħażlu għalihom fi ħdan il-poplu

- mhux biex jinfirdu minnu
- iżda biex jingħataw kollhom kemm huma għall-ħidma li għaliha Alla ħatarhom.

### SERVIZZ

Is-saċerdot għandu jiftakar li huwa bniedem għall-oħrajn kif kien Kristu...
Dan hu servizz jew djakonija għall-evanġelizazzjoni permezz tax-xandir ta' l-Evanġelju u tax-xhieda jew testimonjanza.

*Seminar tal-Vokazzjonijiet, 14 - 02 - 76*

# L-imġieba ta' l-insara

## NIPPRUVAW NIFHMU SEWWA *lis-Saċerdot*

Huwa veru li s-saċerdot huwa bniedem meħud minn fost il-bnedmin, xi drabi wkoll bid-difetti u bin-nuqqasijiet bħall-bnedmin sħabu.

Imma jekk inħarsu lejh bil-**GĦAJNEJN TAL-FIDI**, nintebħu li s-saċerdot kattoliku huwa mżejjen b'setgħat spiritwali:

i. **Setgħa** fuq il-Ġisem reali ta' Kristu, fl-Ewkaristija;
ii. **Setgħa** fuq il-Ġisem Mistiku tiegħu...

## RISPETT *lejn is-Saċerdot li jintwera anki minn barra*

- bil-mod kif nitħaddtu dwarhom
- u kif inġibu ruħna magħhom.

Ċerta kritika inġusta bil-fomm jew bil-kitba li fil-ħajja tas-saċerdoti tipprova ssib dejjem xi tmaqdar u x'tikkundanna bla ma tħares lejn it-tajjeb li jista' jkollhom...

Żgur li kritika bħal din mhix imsieħba
- la mill-karità u lanqas mill-prudenza



# ...huma proprju s-saċerdoti

**Is-sisien li fuqhom hi mibnija l-istruttura viżibbli tal-Knisja**

**Huma l-istrumenti ewlenin li bihom jinqeda' l-Mulej għat-tiġdid tal-ħajja nisranija.**

**L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi,**
**Ċirkulari, 28-10-1968**

## TALBA TAS-SAĊERDOTI LIL KRISTU SAĊERDOT

MULEJ ĠESÙ, MGĦALLEM, QASSIS u SULTAN TAGĦNA
qabel xejn inroddulek ħajr li... tajtna... is-setgħa mqaddsa ta'

**L-ORDNI** - ħalli noffru s-sagrifiċċju
- naħfru d-dnubiet
- u f'ismek naqdu quddiem kulħadd l-uffiċċju ta' saċerdoti għall-bnedmin.
(*Presbyterorum Ordinis* n. 2)

**AGĦMEL** li nifhmu sewwa
- li ebda Presbiteru m'hu se jseħħlu jtemm il-missjoni tiegħu mifrud mill-oħrajn u qisu għal rasu
- imma biss jekk jgħaqqad il-forzi tiegħu ma' dawk tal-presbiteri l-oħra taħt it-tmexxija ta' dawk li jippresiedu fuq il-Knisja. (*Presbyterorum Ordinis* n. 7)

**AGĦMEL** li nkunu magħqudin ma' l-Isqof tagħna b'Imħabba u Ubbidjenza mill-qalb biex hu jsib fina l-għajnuna meħtieġa ta' aħwa u ħbieb.

**AGĦMEL** li nkunu marbutin ma' ħutna fis-saċerdozju b'rabta ta' mħabba, ta' talb u ta' ħidma id f'id.
(*Presbyterorum Ordinis* n. 8)

**IRRIDU** ningħaqdu fil-ħidma mal-fidili lajċi u nġibu ruħna f'nofshom bħalek, li ma ġejtx biex tkun moqdi, iżda biex taqdi u biex tagħti ħajtek għall-fidwa ta' kulħadd. (*Presbyterorum Ordinis* n. 9)

**TĦALLI** qatt tonqos fina l-imħabba pastorali: li l-aqwa għan tagħha huwa s-Sagrifiċċju Ewkaristiku li għalhekk huwa
l-Qalba
u l-Għerq tal-ħajja kollha tal-presbiteru (*Presbyterorum Ordinis* n. 9)

*L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, 24 ta' Novembru 1991*

# Iejn is-Saċerdot

## JIKKOPERAW
### *mas-Saċerdot fil-ħidma ta' l-appostolat.*

## JIEĦDU ĦSIEB
### *ħalli s-Saċerdoti ma jonqoshomx dak li hu meħtieġ biex jgħixu ħajja deċenti.*

## JITOLBU KONTINWAMENT
### *għas-Saċerdoti*

i. Nitolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali biex il-Mulej jibgħat ħassada fil-qasam tiegħu (Lq. 10,2)

ii. Nitolbu għas-saċerdoti tagħna biex Alla
- jseddaq fihom l-ispirtu saċerdotali
- jagħtihom id-dehen, qawwa, ħeġġa u qdusija.

*Ċirkulari, 28 t'Ottubru 1968*

Letteratura Għawdxija

# Ħamsin Sena Saċerdot

## (b'dedika lil Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi)

*Ta' ferħ żgur hi dit-tifkira*
*li qed nagħmlu f'dawn il-jiem,*
*u biex ruħi sewwa nfisser*
*ħbieb emmnuni ma' nsibx kliem.*

*Monsinjur Nikol Ġużeppi*
*Isqof tagħna 'l-Għawdxin,*
*saċerdot żmienu qed jagħlaq:*
*l-għadd ta' snin eżatt ħamsin.*

*Kien sew sew ix-xahar ta' Marzu*
*il-jum disgħa u għoxrin*
*is-sena elf u disa' mija*
*magħhom żid tnejn u ħamsin.*

*Matul dawn il-ħamsin sena*
*ħidma wettaq bla waqfien*
*fix-xandir, fl-istampa t-tajba,*
*fuq il-pulptu, kullimkien.*

*Kompla tħarreġ u jitgħallem*
*meta studja bogħod minn xtutna,*
*għaliex emmen li fil-kotba*
*hemm messaġġ, fejqan għal ruħna.*

*Ta' dan kollu hu ta xhieda*
*fil-Fontana kappillan.*
*Ħabrek, stinka, le ma waqaf*
*qabel wasal għal dan il-għan.*

*Għall-prudenza w l-għerf li wera*
*baqa' miexi 'l quddiem*
*sa ma' spiċċa r-Ragħaj tal-gżira*
*issa ilu ħafna żmien.*

*Kemm il-pinna, kemm il-kliem,*
*huma ħfief f'idejn dar-Ragħaj.*
*Kienu dejjem strumentali*
*biex ħelsuna minn tant gwaj.*

*Dit-tifkira ta' Mons Cauchi*
*kemm qed taħbat f'jiem qaddisa*
*meta aħna qed infakkru*
*tal-Quddiesa ġrajja għażiża!*

*Jalla l-Eċċellenza tiegħu*
*iqaddisna jkompli miegħu;*
*U lill-merħla Għawdxija kollha*
*jagħtiha l-barka tiegħu.*

*Saċerdot ta' ħamsin sena,*
*nawgurawlek aktar snin*
*biex lil Alla tkompli ttina*
*u tmexxina lkoll ħenjin.*

Kav. Joe M . Attard
Victoria, Għawdex
Marzu 2002



Dun Nikol Cauchi, fil-ġurnata ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, 29 ta' Marzu 1952.

# L-Isqof Cauchi jirrakkonta...





## Dun Eddie Zammit jintervista lill-Eċċellenza Tiegħu

# Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi

## f'egħluq il-50 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali



***Eċċellenza, kif kulħadd jaf, int din is-sena qed tiċċelebra il-ġublew saċerdotali tiegħek, jiġifieri għalaqt 50 sena minn meta ġejt ordnat saċerdot mill-mibki Mons. Ġużeppi Pace Isqof t'Għawdex nhar id-29 ta' Marzu tal-1952. Matul dawn il-50 sena żgur li f'pajjiżna kien hawn ħafna bidliet. Liema skond l-opinjoni tiegħek kienu l-ġrajjiet l-iktar importanti li twettqu fid-djoċesi Għawdxija, jew li għall-anqas indirettament kellhom influwenza fuqha?***

Ġrajjiet li laqtu jew seħħu fid-djoċesi Għawdxija kienu diversi. Insemmi ġrajjiet ta' ċerta importanza pastorali jew storika. F'Għawdex kellna iċ-ċentinarju tat-twaqqif tad-Djoċesi fl-1964 bil-festi li kienu saru fl-1965, il-bidu tal-ministeru tiegħi bħala Isqof fl-1967, is-Sinodu tad-Djoċesi tagħna li beda fl-1975, il-Kungressi Ewkaristiċi dak ta' l-1979 u dak ta' l-1999, iċ-Ċentinarju tal-Madonna Ta' Pinu u l-Kungressi Marjoloġiċi marbuta ma' dan l-avveniment fl-1983, u ż-żjara tal-Papa f'Għawdex fl-1990. Niftakar ukoll diversi Kungressi Pastorali li jsiru kultant żmien fid-Djoċesi tagħna. Ma' dawn nistgħu nżidu diversi ġrajjiet li seħħew fuq livell parrokkjali fid-diversi parroċċi tagħna u li għalihom kienu mistiedna diversi personalitajiet distinti barranin. Hemm imbagħad ġrajjiet li għalkemm ma seħħux hawn fi gżiritna xorta kellhom effett fuq id-djoċesi tagħna. Insemmi per eżempju iċ-Ċentinarju Pawlin ta'

l-1960, il-Konċilju Vatikan II fil-bidu tas-snin sittin, is-Sinodi ta' l-Isqfijiet li pparteċipajt personalment għal xi uħud minnhom, il-pubblikazjoni tal-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi tal-Knisja fl-1983 kif ukoll il-pubblikazzjoni tal-Katekiżmu l-ġdid, fost l-oħrajn. Dawn il-ġrajjiet u oħrajn li bħalissa ma jiġux f'moħħi kollha ħallew il-marka tagħhom fuq id-djoċesi tagħna.

***Bħala konsegwenza tal-Konċilju Vatikan II kien hemm enfasi kbira fuq l-Edukazzjoni Nisranija u l-Ministeru tal-Kelma speċjalment permezz ta' l-omeliji. Jidhirlek li sar xi tibdil ta' min jinnutah fit-tagħlim tal-katekiżmu tal-kbar u taż-żgħar?***

Ħamsin sena ilu, l-omelija ma kienitx issir fil-quddies kollu tal-Ħadd iżda f'xi waħda jew tnejn. Ġeneralment kien jippriedka l-kappillan jew il-viċi tiegħu. Il-Ħadd filgħaxija imbagħad, kien hemm l-obbligu tal-Katekiżmu. Din kienet responsabilità tal-kappillan. Għal din l-ispjega kateketika kienu jattendu numru konsiderevoli ta' nies. Meta n-numru beda jonqos kif ukoll daħlet il-quddiesa ta' filgħaxija din l-ispjega kateketika inqatgħet. Għalhekk bdiet issir iktar enfasi f'kull quddiesa dwar l-omelija kif ukoll ġew introdotti il-laqgħat tal-kategoriji biex isir aktar tagħlim liż-żgħażagħ u l-miżżewġin.

Dawn l-aħħar snin qed ninsisti ħafna ukoll fuq il-kors ta' 30 lezzjoni mifruxin fuq tlett snin u li għalih għandhom l-obbligu li jattendu l-għarajjes u l-miżżewġin.



*L-Isqof flimkien ma' grupp ta' għarajjes li segwew il-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ organizzat mill-Moviment ta' Kana.*

***Hemm imbagħad il-pastorali kateketika bi tħejjija għal-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma ta' l-Isqof. Tinnota xi tibdil fiha mill-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħek?***

Fil-bidu tas-saċerdozju tiegħi t-tagħlim tad-duttrina lit-tfal kien isir ġeneralment fil-knejjes u t-tfal kienu jersqu lejn is-sagrament tat-tqarbin f'età żgħira. L-istess kien jiġri għall-Griżma ta' l-Isqof. Din kienu jirċevuha ta' 7 snin. Illum il-Griżma ta' l-Isqof tingħata meta t-tfal ikunu *Form 1* fl-iskola sekondarja, jiġifieri fl-età ta' 11 il-sena. Dan ifisser li jkunu maturi iktar milli kienu qabel meta l-età kienet aktar baxxa u jkollhom aktar snin li fihom jitgħallmu l-katekiżmu bi tħejjija għas-sagramenti.

Barra mit-tagħlim reliġjuż li jsir fl-iskejjel li dan bejn wieħed u ieħor baqa' l-istess, il-katekeżi tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-parroċċi ġiet organizzata fuq prinċipji aktar moderni. Xi uħud mill-klassijiet tad-duttrina fiċ-ċentri parrokkjali u oħrajn fid-Djar tad-Duttrina. F'dan il-kamp għandhom mertu kbir l-membri tas-Soċjetà tal-Mużew illi jħarrġu l-katekisti u li b'impenn kbir liema bħalu mhux biss jgħallmu d-duttrina imma ukoll jtellgħu u jattrezzaw ċ-ċentri fejn isir dan it-tagħlim.

***Semmejt dawn iċ-Ċentri tad-Duttrina. X'tip ta' support tagħti jew tat id-Djoċesi biex jinbnew u jiġu organizzati.***

F'dawn l-aħħar ħamsin sena f'Għawdex, telgħu diversi Ċentri Parrokkjali kif ukoll djar ġodda tad-Duttrina. Dawn ta' l-aħħar kważi kollha ġew mibnija mis-soċjetà tal-Mużew li diġà semmejna. Kull fejn kien possibbli l-Kurja Djoċesana pprovdiet l-art għal dawn iċ-ċentri kif



*Il-Kurja Djoċesana minn fejn topera l-amministrazzjoni tal-Knisja f'Għawdex*

ukoll għajnuna oħra f'forma ta' self b'imgħax baxx biex jinbew u jiġu attrezzati ċentri sħaħ. Insemmi per eżempju l-Mużewijiet tan-Nadur, Xagħra, Xewkija, Ta' Sannat, Għajnsielem, ir-Rabat, l-Għarb, Għasri u Kerċem fost l-oħrajn. Wieħed però ma jridx jinsa li dawn iċ-ċentri inbnew b'ħafna ħidma volontarja kultant mill-membri infushom kif ukoll bil-għajnuna qatt ma' taqta' ta' diversi benefatturi. Għandna għax nirringrazzjaw 'l Alla ta' tant ċentri sbieħ li għandna fid-djoċesi tagħna.

***Dejjem b'referenza għall-effetti tal-Konċilju Vatikan II x'tista ssemmi dwar ir-riformi tal-Liturġija?***

F'dan il-kamp kien hemm ħafna tibdil kbir li għall-grazzja t'Alla f'pajjiżna ġew milqugħa mingħajr ħafna reazzjonijiet esaġerati. Fost dawn insemmu l-użu tal-lingwa vernakulari: flok il-Latin bdejna nużaw il-Malti; il-kant bil-Malti, il-Konċelebrazzjoni, iktar parteċipazzjoni tal-insara fil-quddiesa, iktar apprezzament ta' l-arti u l-mużika sagra fost affarijiet oħra. Fil-Liturġija imbagħad ingħatat iktar importanza lix-xandir tal-Kelma t'Alla.

***Semmejna ukoll is-Sinodu ta' l-Isqfijiet. Għaliex iservu dawn il-laqgħat? X'kienet l-esperjenza tiegħek f'dawn il-laqgħat?***

Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet kien wieħed mill-frott tal-Konċilju Vatikan II. Din hija laqgħa, li ssir kważi kull 4 snin, tar-rappreżentanti ta' l-Episkopat tal-Knisja kollha. Bdew isiru jidhirli fl-1971. Jien kelli x-xorti li nipparteċipa f'dak li sar fi żmien Pawlu VI fl-1974 bis-suġġett Evanġelizazzjoni, 20 sena wara fl-1994, dwar il-Ħajja Konsagrata, u dak li sar is-sena l-oħra, dwar il-Missjoni ta' l-Isqfijiet bħala ħabbara tal-Vanġelu.

F'dawn l-okkażjonijiet wieħed iħoss b'mod ċar il-kolleġġjalità tal-Knisja meta tara Isqfijiet ġejjin minn pajjiżi differenti jiddiskutu dwar l-istess tema u jagħtu l-esperjenzi tagħhom. Id-dokumenti post-sinodali li normalment jiġu pubblikati wara kull Sinodu, huma linji ta' gwida mportanti kemm għal-lum kif ukoll għall-ġejjieni ta' kull djoċesi fid-dinja.

L-esperjenza tiegħi f'dawn il-laqgħat hija waħda pożittiva. Tiltaqa' ma diversi isqfijiet ġejjin mid-djoċesijiet żgħar u kbar tad-dinja bid-diversi kulturi u tradizzjonijiet tagħhom. Fuq kollox hija laqgħa flimkien mal-Papa. Tħoss ħafna s-sens ta' ekkleżjalità u kolleġġjalità.





*L-Isqof Cauchi waqt is-Sinodu li sar f'Ruma f'Ottubru 2001*






***Semmejt ukoll, bħala ġrajja mportanti li seħħet fid-Djoċesi tagħna, s-Sinodu Djoċesan li beda fl-1975 u ntemm fl-1993. X'kienu l-għanijiet li riedu jintlaħqu b'dan is-Sinodu?***

Dan is-Sinodu li qed tirreferi għalih int huwa t-Tieni Sinodu li sar fid-Djoċesi tagħna. L-ewwel wieħed kien sar mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri fis-sena 1904. Għalhekk inħass il-bżonn wara li għadda dak iż-żmien kollu kif ukoll minħabba l-indikazzjonijiet pastorali ġodda tal-Konċilju Vatikan II, illi jsir dan is-Sinodu biex jaġġorna l-leġislazzjoni ekkleżjastika u jagħti direttivi iktar moderni għall-ħidmiet pastorali. Dan kien imħabbar għall-ewwel darba f'laqgħa tal-Kunsill Pastorali tat-22 ta' Jannar tal-1975. Is-Sinodu huwa laqgħa tal-membri tal-Knisja, kleru u lajċi biex jażaminaw l-istat tal-Knisja lokali u jaraw x'miżuri għandhom jittieħdu biex iġibuha 'l quddiem fl-aspetti kollha tagħha.

Il-frott tas-Sinodu Djoċesan li ntemm fl-1993 huwa miġbur fi ktieb li ħareġ fl-1994. Dan hu imqassam fi 3 partijiet: id-Digrieti (liġijiet lokali tal-Knisja), Regolamenti aktar dettaljati, u Dokumenti Pastorali. Minn dawn hemm 16 il-wieħed.

Jien nħoss li dan is-Sinodu kien biċċa xogħol kolleġġjali ta' ħidma flimkien. Nista' ngħid li impenjana ħafna. Issa jonqos li nkomplu nistudjaw kif ser inwettqu mill-aħjar li nistgħu dak li ħareġ minn din l-esperjenza.



***Barra minn din l-esperjenza tas-Sinodu hemm mumenti oħra ta' studju li kultant isiru fid-Djoċesi. Insemmu per eżempju l-Kungressi Pastorali. X'joħroġ minn dawn il-Kungressi?***

Dawn huma laqgħat li jsiru perjodikament fuq bażi djoċesana fuq temi li jvarjaw minn darba għall-oħra. L-ewwel kungress ta' din l-għamla sar bejn l-14 u l-20 ta' Mejju tal-1975. Kellu bħala suġġett il-Liturġija fost l-oħrajn. Wara ġew Kungressi oħrajn b'suġġetti dwar il-familja, iż-żgħożija tal-Knisja, eċċ. Għalija dawn il-Kungressi inħosshom bħala injezzjoni illi jagħtu ħeġġa ġdida lil dawk li nsejħulhom operaturi pastorali, sewwa saċerdoti kif ukoll lajċi.



***Naf kemm iż-żgħażagħ huma għal qalbek. Fil-pjan kwinkwennali hemm sezzjoni dedikata għalihom. Xi żviluppi kien hemm f'dawn l-aħħar ħamsin sena? Xi prospetti tara għall-futur?***

Meta nbnew u nfetħu ċ-ċentri parrokkjali, l-aktar kategorija li kellna quddiem għajnejna kienet dik taż-żgħażagħ. Però ġara li fil-waqt li ħamsin sena ilu, iż-żgħażagħ ma tantx kellhom x'jaljenahom u kienu jintefgħu f'xi ċirklu jew l-oratorju, illum il-ġurnata l-aljenazzjonijiet għalihom huma ħafna, kemm fid-dar u kemm barra mid-dar. Jiena nħoss li xorta waħda għal dak il-grupp żgħir jew kbir illi jiġi ċ-ċentru għandhom jiġu organizzati laqgħat ta' tagħlim, ta' talb, attivitajiet tal-palk u attivitajiet kulturali oħra. Mhux ta' min iħalli barra l-fatt li l-għaqdiet reliġjużi bħalma huma: l-Azzjoni Kattolika, il-Legion of Mary, u l-Museum għandhom gruppi ta' żgħażagħ u adoloxxenti li jattendu regolarment għall-attivitajiet li jorganizzaw .

***Hemm imbagħad il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.***

Matul dawn l-aħħar ħamsin sena twaqqfet il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ li minn żmien għal żmien torganizza attivitajiet għalihom fuq bażi djoċesana u anke attivitajiet barra minn Malta. Jiġini f'moħħi bħalissa l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ Għawdxin fil-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ fis-Sena tal-Ġublew li kien sar f'Tor Vergata, f'Ruma. Huwa fatt magħruf li ż-żgħażagħ iridu fejn jilgħabu u jżommu ruħhom attivi permezz ta' attivitajiet sportivi. Kien minħabba dan il-fatt li d-djoċesi ħadet l-inizjattiva illi tibni kumpless sportiv fis-Seminarju għall-użu taż-żgħażagħ Għawdxin. Dan infetaħ fit-2 ta' Marzu tas-sena 2000. Hu ta' sodisfazzjon għalija nara numru dejjem ikbar ta' żgħażagħ Għawdxin li jiffrekwentaw dan il-kumpless sportiv. Id-Djoċesi poġġiet ukoll għad-dispożizzjoni taż-żgħażagħ Għawdxin u Maltin id-Dar ta' l-Isqof f'Marsalforn, biex tintuża bħala *hostel* fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jgħaddu xi jiem ta' mistrieħ.

***X'ġejjieni tara għaż-żgħażagħ?***

Rigward il-ġejjieni taż-żgħażagħ, jidhirli li m'għandniex nħarsu lejhom qishom kienu qatta' waħda għax hemm minnhom, sfortunatament, li qabdu triq perikoluża bħalma huma dawk li jmissu d-droga. Għal din il-kategorija ta' nies, m'għandniex napplikaw kundanni, imma komprensjoni u rijabilitazzjoni. Hu rakkomandat ħafna programm ta' prevenzjoni barra mit-terapija għalihom. F'dan ir-rigward hu ta' min ifaħħru ħafna x-xogħol li qed tagħmel






il-fondazzjoni *Oasi* li taħdem fuq programmi bħal dawn li qegħdin insemmu biex jiġu solvuti problemi marbuta mad-droga u ma' l-alkoħoliżmu.

B'eċċezzjoni għall-kategorija li semmejna, inħoss li l-kotra kbira taż-żgħażagħ huma nies li għandhom sens ta' responsabiltà, u jiena fiduċjuż li bil-koperazzjoni tal-ġenituri, ta' l-iskejjel u tal-knisja jieħdu formazzjoni tajba biżżejjed biex isiru ċittadini tajbin u nsara koerenti. Hu ta' sodifazzjoni kbir għalija meta nisma' li xi żgħażagħ Għawdxin involvew ruħhom f'xi attività voluntarja jew missjunarja. Dan l-aħħar kien hawn diversi żgħażagħ Għawdxin li għamlu dawn l-esperjenzi.



***L-Isqof ġieli jsejħulu "Missier" s-saċerdoti tiegħu u nafu li inti għandek għal qalbek ħafna s-Seminarju fejn tingħata l-formazzjoni lill-kleru Għawdxi. Kif tħares lejn il-formazzjoni tal-kleru u xi żviluppi kien hemm f'dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam?***

Nista' ngħidlek li waħda mill-konsolazzjonijiet tiegħi bħala Isqof hija l-ordinazzjoni kemm tad-djakni kif ukoll dik tal-presbiteri. Kelli grazzja kbira li nordna għadd sabiħ ta' saċerdoti. Mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn qed issir ħafna enfasi mhux biss fuq l-esiġenzi tal-formazzjoni tal-bidu fis-Seminarju imma ukoll tal-formazzjoni kontinwata, kif issemmi l-Eżortazzjoni Post-Sinodali "*Pastores dabo vobis*", "Nagħtikom Ragħajja skond qalbi". Rigward dak li hu aġġornament, barra mil-laqgħat tal-"Każ Morali" ta' kull xahar, hemm ukoll laqgħat perjodiċi għas-saċerdoti li fihom jiġu ttrattati suġġetti marbuta max-xjenzi ekkleżjastiċi.

Rigward l-ispiritwalità tal-kleru, inħobb ninsisti ħafna fuq l-attendenza tagħhom għas-Siegħa ta' Adorazzjoni li ssir darba fix-xahar fil-kappella tas-Seminarju . Huma ta' siwi ukoll l-irtiri bil-magħluq f'Dar Manresa jew f'xi dar oħra ta' l-Irtiri.

***Barra mill-aspett spiritwali s-saċerdot għandu bżonn ukoll min jissapportjah fl-esiġenzi tal-ħajja ta' kuljum. X'għamlet u x'qed tagħmel id-Djoċesi f'dan ir-rigward?***

Fil-limiti tar-riżorsi li d-Djoċesi kellha f'idejja matul is-snin li għaddew ġiet imtejba r-rimunerazzjoni tas-saċerdoti, u kollha ġew mgħejjunin li jidħlu f'xi forma ta' assikurazzjoni. Attenzjoni speċjali tingħata lis-saċerdoti morda jew anzjani, speċjalment dawk li jisfgħu waħedhom u ma jkollhomx min jieħu ħsiebhom.



Sa sitt snin ilu s-saċerdoti anzjani Għawdxin kienu jinżammu f'taqsima għalihom fil-Konservatorju ta' l-Isqof. Mill-1996 'l hawn qegħdin noffrulhom residenza fil-Kumpless taċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, f'taċ-Ċawla r-Rabat. Il-Kurja approvat pjan ta' estensjoni għal din id-dar u bil-għajnuna kemm ta' diversi individwi kif ukoll ta' l-istess Kurja Djoċesana, bħalissa għaddejjin ukoll b'estensjoni ta' din id-dar li 'l quddiem tista' tilqa' iktar saċerdoti anzjani. Il-ħsieb tagħna hu li dan ix-xogħol inlestuh din is-sena stess.

***Semmejna s-saċerdoti u ma nistgħux ma nsemmux ukoll l-ikbar kollaboraturi pastorali tagħhom, il-lajċi. Kif tħares lejn il-Movimenti u l-Għaqdiet tal-Lajċi, u x'parteċipazzjoni taħseb li ser ikollhom fil-futur fil-ħajja tal-Knisja?***

Jiena nħossni ċert li mhux biss is-saċerdoti u r-reliġjużi iżda ukoll il-lajċi rġiel u nisa għandhom kontribut mill-aqwa x'jistgħu jagħtu lill-Knisja u lis-soċjetà. Barra mill-apostolat individwali kif jgħallimna d-Digriet Konċiljari *Apostolicam Actuositatem* hemm ukoll appostolat organizzat li fih jimpenjaw ruħhom il-lajċi fil-ħajja tal-knisja.



Ċerti għaqdiet kienu jeżistu għall-anqas f'xi uħud mill-parroċċi t'Għawdex, diġà qabel l-1952. Dawn huma l-Azzjoni Kattolika, il-Legion of Mary, kif ukoll il-Mużew. Kien hemm ukoll xi għaqdiet li m'għadhomx jeżistu. L-Azzjoni Kattolika, li għamlet ħafna xogħol ta' apostolat matul dawn l-aħħar 50 sena, bniet is-sede ċentrali tagħha fuq art mogħtija mid-Djoċesi tagħna fi Triq Sir Arturo Mercieca, ir-Rabat. L-istess għamlu l-għaqdiet l-oħra li semmejna. Il-Legion għandu l-*headquarters* tiegħu fi Pjazza Santu Wistin u dak tal-Mużew fi Triq it-8 ta' Diċembru, ukoll hawn fir-Rabat.

Ma nistax ma nsemmix id-djar sbieħ li tellgħet is-soċjetà tal-Mużew hawn ġewwa Għawdex u kemm verament tieħu ħsieb li dawn jiġu dejjem attrezzati mill-aħjar biex jaqdu l-missjoni li għalihom inbnew.



Dwar il-ħidma tal-membri ta' l-Għaqdiet u l-parteċipazzjoni tal-lajċi fil-ħajja tal-Knisja, inħoss li matul dawn l-aħħar 50 sena din kompliet tiżdied minn sena għall-oħra. Illum għandna ħafna lajċi li jgħinu kemm fil-knisja bħala animaturi, qarrejja u ministri straordinarji tat-tqarbin, kif ukoll bħala operaturi tal-karità, katekisti u lajċi f'ministeri oħrajn.

***Semmejna l-għaqdiet uffiċċjali tal-lajċi approvati mill-Ġerarkija. X'taħseb dwar il-movimenti ġodda li bdew dan l-aħħar?***

Fis-sena 1967 mill-bidu ta' l-episkopat tiegħi, ġiet imwaqqfa il-Kummissjoni Djoċesana għall-Apostolat tal-Lajċi magħrufa aħjar bħala l-K.D.A.L. Jiena nħoss li dawk l-għaqdiet rappreżentati fil-K.D.A.L. cioè l-Azzjoni Kattolika, il-Legion of Mary u l-Museum għad baqa' posthom u bżonnhom u jeħtieġ li l-insara ta' pajjiżna jkunu sensibilizzati iktar dwar l-apostolat li jwettqu u l-ħtieġa tagħhom fil-ħajja nisranija.

Dan l-aħħar snin nibtu wkoll movimenti u kommunitajiet ġodda li għandhom bħala skop li jagħtu formazzjoni nisranija u jħejju għall-apostolat tal-lajċi. Jiġuni f'moħħi bħalissa l-Moviment Kariżmatiku, il-Mixja Neo-Katekumenali, u l-Komunitajiet Ewkaristiċi. Ċertament dawn ukoll jistgħu jagħtu kontribut biex tissaħħaħ il-ħajja nisranija f'pajjiżna.





L-istatut tal-K.D.A.L. f'dawn l-aħħar ġimgħat qed jiġi studjat mill-ġdid u rivedut biex ikun jista jaċċetta fi ħdanu anke dawn l-għaqdiet il-ġodda.

Ta' min jgħid li ta' kull sena jinżamm *Rally* fuq suġġetti pastorali differenti, u f'dawn il-laqgħat ikunu mistednin ukoll id-diriġenti u dawk responsabbli minn diversi movimenti, kif ukoll il-membri tal-Kunsilli Parrokkjali.

***Ma nistgħux ma nsemmux l-appostolat soċjali li nafu kemm kont invulut fih bħala saċerdot, speċjalment fl-ewwel snin tal-ħajja saċerdotali tiegħek. Xi progress taħseb li sar matul dawn l-aħħar 50 sena?*** Nemmen li l-aqwa ħidma soċjali hi l-għajnuna li tingħata lill-familja biex twettaq il-funzjoni tagħha, kemm f'dik prokreattiva kif ukoll f'dik edukattiva.

Nemmen ukoll li barra l-għajnuna materjali, il-familja teħtieġ ukoll l-appoġġ morali li jikkonsisti f'tagħlim, *counselling*, eċċ. Wieħed mid-dokumenti pastorali tas-Sinodu huwa dedikat lill-familja, kif ukoll sezzjoni sħiħa ta' l-aħħar Pjan Kwinkwennali.

Id-dokument Sinodali isemmi laqgħat għall-għarajjes, żjajjar lill-familji, eżerċizzi, eċċ. Huwa floku li nsemmu l-attività kontinwa tal-Moviment ta' Kana li barra minn pariri jew servizz ta' pariri fuq aspetti familjari, morali u soċjali, jieħu ħsieb it-tqassim tar-rivista *"Familja Kana"*, u jorganizza ta' kull sena il-konkors *"Familja Qalb tad-Deheb"* u korsijiet ta' l-Eżerċizzi tar-Randan. Il-Moviment ta' Kana jiżvolġi l-parti l-kbira ta' l-attività tiegħu miċ-Ċentru Ġwanni Pawlu II għall-Familja, li tela' ukoll fuq art li tat il-Kurja.

Meta ngħidu familja nifhmu wkoll id-dar fejn toqgħod il-familja. Ix-xewqa tiegħi mhix biss li kull familja tgħix f'dar deċenti imma possibilment tkun ukoll is-sid tagħha.

Fil-bidu ta' l-episkopat tiegħi kien sar proġett li bih għadd ta' *maisonettes* f'Taċ-Ċawla u l-Munxar kienu ġew mibjugħa lill-familji ġodda bi prezz moderat u li seta' jitħallas bin-nifs. Iktar tard ġew mogħtija mijiet ta' *plots* lill-għarajjes u familji ġodda, u anke dan sar bi prezz moderat u bil-kundizzjonijiet li semmejna.

Meta mbagħad ħareġ id-*Devolution Act*, il-proprjetà ekkleżjastika li mhix użata għal skopijiet pastorali għaddiet għall-istat, u skond il-ftehim li sar bejn is-Santa Sede u l-Gvern din ser tintuża ukoll għal skopijiet soċjali. Tajjeb li ngħidu li bil-flus li l-Knisja daħħlet minn dan il-ftehim ġew mgħejjuna fost l-oħrajn il-familji li jibgħatu lil uliedhom fi skejjel tal-Knisja. U anke minn hawn allura ġiet għajnuna siewja kbira lill-familji għawdxin.



*Iċ-Ċentru ta' Kana f'Għawdex*



Il-Knisja anke f'Għawdex għandha diversi skejjel tagħha. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalija li dan l-aħħar ġew approvati l-permessi flimkien mas-sussidji meħtieġa min-naħa tal-Gvern għall-ftuħ tal-Iskola Sekondarja tal-Bniet fil-bini tal-Konservatorju. B'hekk issa anke l-bniet ser ikollhom il-possibilità li jkomplu l-edukazzjoni sekondarja tagħhom fi skola tal-Knisja. Id-Djoċesi tagħna ilha s-snin toffri edukazzjoni sekondarja lis-subien permezz tas-Seminarju Minuri.

***F'dawn l-aħħar 50 sena l-problemi soċjali li jħabbtu wiċċhom magħhom diversi familji tagħna żdiedu. X'ħidma wettqet id-Djoċesi biex ittaffi dawn il-problemi?***

Il-Knisja dejjem kellha attenzjoni speċjali għal dawk li għaddejjin minn xi forma ta' tbatija u jeħtieġu l-attenzjoni u l-imħabba tagħna. Biex tieħu ħsieb il-problemi soċjali li l-bnedmin jgħaddu minnhom, fil-Kurja kellna organizzat l-uffiċċju tal-Promozzjoni Umana li aktar tard sar l-uffiċċju tal-*Caritas*. Permezz ta' dan l-uffiċċju ttieħdu diversi inizjattivi ta' min isemmihom. Saret ħidma fost il-persuni b'diżabilità, ħidma fost it-tfal li għandhom bżonn il-kura fi djar organizzati għalihom, għajnuna lill-ommijiet



bi problemi familjari, u għajnuna oħra barra mid-Djoċesi kull meta, per eżempju, tiġi xi diżgrazzja barra minn Malta. Il-ġenerożità ta' l-insara tad-Djoċesi tagħna f'dan il-kamp inħoss li hija tassew kbira.

Biex nagħtu ħjiel ta' dak li sar f'dawn l-aħħar snin nistgħu nsemmu l-ħidma li saret fost il-persuni b'diżabilità, permezz tal-Għaqda Għawdxija b'Diżabilità, li waqqfet *day centre* għal dawn il-persuni fil-bini tal-istitut l-ġdid ta' San Ġużepp f'Għajnsielem u li issa bl-għajnuna tal-Gvern qed issir ħidma bħala *Adult Training Centre*. Din l-għaqda tieħu ħsieb torganizza ħarġiet rikreattivi għall-membri tagħha bl-għajnuna ta' diversi volontarji. Kienet din l-għaqda ukoll li bl-għajnuna ta' diversi benefatturi daħlet għall-proġett tar-*Respite Centre* li nbena fuq art mogħtija mill-Knisja. Dan il-proġett ġie inawgurat f'Diċembru tas-sena 2000. Jiena għandi tama li, issa li anke l-Gvern ser jagħti l-appoġġ finanzjaru tiegħu, dan il-proġett tal-Fondazzjoni Arka itaffi mhux ftit il-piż li dawn il-persuni, flimkien mal-familjari tagħhom, iridu jġorru.



***Ir-"Respite Centre" f'Għajnsielem, f'jum l-inawgurazzjoni***

Ħidmiet oħrajn tal-Caritas ta' min isemmihom, fosthom l-għajnuna li ngħatat lid-Djar tat-Tfal tal-Knisja bħalma huma *Lourdes Home* u fl-imgħoddi l-Istitut ta' San Ġużepp, li llum qed iservi bħala *day centre* għall-anzjani u *hostel* taż-żgħażagħ, il-*Little Flower Day Centre* fi ħdan il-Konservatorju, id-*Dar Ġużeppa Debono* għall-ommijiet mhux miżżewġa, taqsima fi ħdan *Lourdes Home* għall-ommijiet li jkunu għaddejjin minn problemi familjari. Insemmi ukoll ħidma indiretta oħra tal-Caritas, bħalma hi l-għajnuna lil diversi individwi li jgħaddu minn xi problemi ta' mard jew diffikultajiet oħra. Aħna bħala djoċesi fir-riżorsi limitati tagħna dejjem nippruvaw inkunu qrib ta' dawn il-persuni. Ma rridx ninsa nsemmi il-ġabra tal-karità li norganizzaw fl-aħħar ta' Novembru. Dak kollu li jinġabar jgħin biex nibqgħu nsostnu din il-ħidma importanti fi ħdan id-Djoċesi tagħna.

***Waħda mill-problemi li qed tħabbat wiċċha magħhom s-soċjetà ta' żmienna, hija l-problema ta' l-anzjani. X'għamlet id-djoċesi f'dan il-kamp?***

Anke f'dan il-kamp il-Knisja permezz tad-djar ta' l-anzjani mmexxijin mis-sorijiet ippruvat tgħin biex l-anzjani jiġu kkurati. Is-sorijiet f'dawn id-djar jippruvaw jagħtu l-aħjar kura possibli lil dawn l-anzjani. Dan l-aħħar il-Parroċċa ta' San Lawrenz daħlet għall-proġett tad-Dar ta' l-Anzjani u naħseb li anke dan ser jgħin biex tittaffa xi ftit din il-problema. Il-Kurja offriet ukoll l-art fejn tela' l-Kumpless Residenzjali għall-Anzjani mibni




f'Għajnsielem mill-Moviment Azzjoni Soċjali, li nittamaw ma jdumx ma jibda jiffunzjona. Ta' min isemmi wkoll li anke fil-parroċċi l-oħra tad-Djoċesi matul is-sena jiġu organizzati diversi inizjattivi għall-anzjani. Hemm imbagħad ukoll l-inizjattivi li jittieħdu mill-ħbieb tal-morda u l-anzjani tal-Isptar. Ħafna minn dawn il-membri huma ukoll membri ta' l-għaqdiet reliġjużi tagħna u fil-ħidma tagħhom dejjem sabu s-sapport tal-*Caritas* Djoċesana. Kif semmejt diġa', id-Djoċesi permezz tal-*Caritas* qed torganizza, flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsilli Lokali Għawdxin, id-*Day Centre* għall-Anzjani fid-Dar ta' San Ġużepp f'Għajnsielem.

***Żgur li fil-qasam tal-Mass-Media matul in-nofs seklu li għadda, kien hemm tibdil u progress fid-Djoċesi Għawdxija. X'taħseb inti dwar dan?***



Fil-*media* in ġenerali, tibdil kien hemm ħafna, mhux kollu għat-tajjeb, xi kultant għall-agħar fejn tidħol moralità. Jidhirli wkoll li seta' jsir użu aħjar mill-*media* bħala strument ta' apostolat.

Fid-Djoċesi tagħna, il-gazzetta "*Għawdex*" bdiet fl-1945 u kellha bħala l-ewwel editur lil Patri Akkursju Xerri OFM. Għal xi żmien fis-snin sittin, jien kont editur tagħha u bdilt l-isem għal "*Il-Ħajja f'Għawdex*", li llum saret rivista sabiħa ta' kull xahar, imżewqa b'ħafna ritratti u artikli interessanti. Jiena għadni






*Inawgurazzjoni tal-"Lumen Christi Media Centre" f'Settembru 1992*

nikkontribwixxi wkoll xi artikli għal din ir-rivista, għal-"*Leħen is-Sewwa*", u għall-perjodiku "*Il-Madonna ta' Pinu*" li beda joħroġ fl-1980.

Fis-6 t' April 1969, id-Djoċesi bdiet tippubblika f'eluf ta' kopji "*Il-Bullettin tal-Ħadd*", li għadu jitqassam b'xejn f'kull dar fil-parroċċi, u ta' kull ġimgħa.

Insemmi wkoll it-twaqqif tad-Dar tal-Pubblikazzjoni *Lumen Christi* fl-1972, illum magħrufa ma' kulħadd bħala "*Lumen Christi Publications*", li għada tippubblika u xxerred eluf ta' kotba b'messaġġ nisrani; din kienet ukoll għajnuna kbira għalija biex stajt nistampa ħafna mill-kotba tiegħi. Fl-1992 id-Djoċesi bniet il-*Media Centre* tagħha magħruf aħjar bħala l-*Lumen Christi Media Centre*. F'dan iċ-ċentru tal-*media* ġbarna l-uffiċċji tal-*Lumen Christi Publications*, dawk tar-Rivista Djoċesana, *recording studios* minn fejn inxandru, anke dirett, diversi programmi tar-radju fuq l-R.T.K., kif ukoll *bookshop* li issa qabad sewwa. Dan iċ-Ċentru utli qed jikkoordina d-diversi ħidmiet tal-*media* fi ħdan id-Djoċesi tagħna.

Il-fenomenu ta' l-aħħar snin kien l-għadd ta' radjijiet komunitarji li nibtu



*"Dun Nikol" dak inhar ta' l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu, ħamsin sena ilu fl-Għarb*

'l hawn u 'l hemm fiż-żewġ gżejjer. F'Għawdex diversi parroċċi għandhom radju komunitarju tagħhom. Qiegħed jiġi studjat sett ta' regolamenti għal dawn ir-radjijiet parrokkjali bil-għan li jkun hemm iktar kollaborazzjoni bejniethom u l-appostolat tax-xandir ikun aktar effiċċjenti.

Kamp ieħor fejn fadal ħafna x'isir u teħtieġ ħidma impenjattiva ħafna, huwa l-kamp tax-xandir reliġjuż televiżiv. Huwa ttamat li bil-kooperazzjoni ta' ħafna flimkien, anke l-programmi reliġjużi televiżivi jkomplu joktru u jsiru dejjem aħjar. Kollox ma' kollox, inħoss li fil-qasam tal-*media* b'tant sagrifiċċji, anke moħbija, sar ħafna progress.

***Għandek xi messaġġ x'tagħti f'din l-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tas-saċerdozju tiegħek?***

Messaġġ qasir ħafna. Qatt ma kienet xi ħaġa ħafifa li wieħed jgħix il-ħajja nisranija kif imiss, u wisq inqas faċilment illum fil-bidu tat-tielet millenju. Li tagħti xhieda għal Kristu żgur li fi żminijietna hija ħaġa li titlob impenn, kuraġġ u sagrifiċċju. Iżda hija wkoll ħaġa sabiħa u li tqanqal ċertu entużjażmu. Il-Knisja ta' Kristu anki fid-Djoċesi tagħna teħtieġ, fil-futur ukoll, il-ħidma u l-appoġġ tagħna. Jekk nagħrfu naħdmu id f'id flimkien, bil-għajnuna tal-grazzja t'Alla, bis-sabar u bit-talb, jirnexxielna naslu biex, minkejja kull tfixkil, il-Knisja Kattolika tkompli tikber u tissaħħaħ f'pajjiżna, u hekk titwettaq aħjar il-missjoni qaddisa li għandna afdata lilna.





*L-Isqof Cauchi, magħruf bħala "Dun Nikol", fl-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu, ħamsin sena ilu fil-Kolleġġjata ta' l-Għarb*

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS
(1972 - 2002)
u
LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
(1992 - 2002)
jawguraw "Ad Multos Annos"
lill-fundatur tagħhom
MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI
f'egħluq il-50 Sena ta' Saċerdozju
(1952 - 2002)

Where there is wood, there is Milesi




MILESI
Wood Varnishes

Sole Agents
MARIO PORTELLI TRADING
5, St. Joseph Street, Qala
Tel: 21556649 Fax: 21562985 Mobile: 9944 0360



# L-Isqof Cauchi u l-Formazzjoni tas-Saċerdoti fis-Seminarju ta' Għawdex

*Dun Anton Teuma*
Rettur tas-Seminarju

Wieħed mix-xogħlijiet prinċipali ta' l-isqof huwa li jara li l-formazzjoni tas-saċerdoti tad-djoċesi tiegħu timxi pass pass max-xewqa tal-Knisja Universali u mal-ħtiġijiet tal-Knisja tad-djoċesi. Nistgħu ngħidu, li sa minn qabel ma ġie magħżul biex imexxi d-djoċesi ta' Għawdex, Dun Nikol Cauchi kellu għal qalbu l-formazzjoni tal-kleru. Għal snin twal kien Professur u mbagħad Prefett ta' l-Istudju fis-Seminarju ta' Għawdex.

### Sentejn barra, wara l-ordinazzjoni

Hekk kif ġie maħtur isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi ta attenzjoni partikolari lill-formazzjoni tal-kleru. Kien hu li heġġeġ lis-saċerdoti Għawdxin biex jgħaddu l-ewwel snin tas-saċerdozju tagħhom f'esperjenza pastorali barra minn Malta. Din l-inizjattiva kienet ta' benefiċċju kbir, mhux biss għad-djoċesi ta' Għawdex iżda wkoll għall-Knisja Universali. Is-saċerdoti kollha Għawdxin li ġew ordnati f'dawn l-aħħar ħamsa u tletin sena jistgħu jgħidu li kellhom ix-xorti li jwettqu parti mill-ministeru saċerdotali tagħhom fi djoċesi oħra barra minn arthom. Ta' min jgħid li numru sabiħ minnhom baqa' jaqdi fi djoċesijiet oħra fl-Ewropa, fl-Amerika u fl-Awstralja.

### Professuri għas-Seminarju u formazzjoni kontinwa tas-saċerdoti

Biex jagħti spinta 'l quddiem lill-formazzjoni tas-Saċerdoti, fl-ewwel snin tal-ministeru episkopali tiegħu, Mons. Nikol Cauchi ħa ħsieb jibgħat xi saċerdoti biex ikomplu l-istudji tagħhom f'Universitajiet Pontifiċji. Sena wara l-oħra s-Seminarju ta' Għawdex ġie mogħni bil-preżenza ta' diversi saċerdoti professuri preparati fix-xjenzi neċessarji għall-formazzjoni. Ġew mibgħuta wħud biex jistudjaw it-Teoloġija Dommatika, it-Teoloġija Morali, It-Teoloġija Pastorali, it-Teoloġija Spiritwali, l-Iskrittura, il-Liġi tal-Knisja, il-Liturġija, il-Filosofija, is-Soċjoloġija u l-Psikoloġija. B'dan il-mod nistgħu ngħidu li saret bidla pożitiva ħafna fil-livell akkademiku tal-formazzjoni fis-Seminarju.

Imħajrin mill-professuri, ħafna seminaristi għażlu li wara l-ordinazzjoni tagħhom ikomplu jispeċjalizzaw f'xi università barra minn Malta. Kienu ħafna s-saċerdoti li matul dawn is-snin kisbu gradi akkademiċi speċjalment fl-Universitajiet Pontifiċji ta' Ruma.

Kemm dawk is-saċerdoti li komplew l-istudju tagħhom barra minn Malta u kemm dawk li għamlu esperjenza pastorali f'artijiet oħra, kienu ta' ġid kbir għad-djoċesi ta' Għawdex. Dawn setgħu jagħtu kontribut siewi fit-tagħlim kemm fl-iskola tas-Seminarju Minuri kif ukoll fis-Seminarju Maġġuri. Ukoll setgħu jużaw l-esperjenza pastorali biex iwettqu aħjar il-ħidma pastorali attwali tagħhom fil-parroċċi u oqsma oħra.

Inizjattiva mportanti oħra fil-formazzjoni tas-saċerdoti kienet l-introduzzjoni tas-sena intermedja matul il-kors tas-Seminarju. Wara l-ewwel tlett snin ta' l-istudji tal-filosofija, is-seminarista jħalli s-Seminarju u lil art twelidu u għal sena sħiħa jagħmel esperjenza barra minn Malta. Matul din is-sena, is-seminarista jista' jagħmel diversi esperjenzi li jkomplu jkabbruh fil-formazzjoni umana, spiritwali u pastorali tiegħu. Meta jiġi lura, ikun jista' jkompli it-tlett snin ta' studji tat-Teoloġija u jiġi ordnat saċerdot.

**Affiljazzjoni mal-Angelicum**

Ta' min isemmi li kien bil-ħidma bla waqfien ta' Mons. Isqof li l-Istudju tat-Teoloġija tas-Seminarju tagħna ġie "affiljat" mal-Università Pontifiċja "Angelicum" f'Ruma. Dan ifisser li l-korsijiet tat-Teoloġija li jsiru fis-Seminarju huma approvati minn din l-Università Pontifiċja. Għalhekk fl-aħħar tal-kors tat-Teoloġija din l-istess Università tagħti lis-seminaristi tagħna l-grad tal-Baċellerat.

**L-Isqof jieħu sehem fil-ħajja tas-Seminarju**

L-interess ta' Mons. Isqof fil-formazzjoni tas-saċerdoti mhux biss huwa wieħed li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet, iżda l-ewwel u qabel kollox huwa interess fil-persuni. Darba fix-xahar Mons. Isqof flimkien ma' saċerdoti oħra, jiltaqa' mas-superjuri tas-Seminarju biex jgħinhom fit-tmexxija u biex jagħtihom is-suġġerimenti u l-ideat tiegħu għall-formazzjoni ta' kull seminarista. Ukoll, hija drawwa ta' Mons. Isqof li jiltaqa' almenu darba fix-xahar mas-seminaristi u jkellimhom dwar suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-formazzjoni tagħhom. F'diversi okkażjonijiet huwa jiċċelebra l-Ewkaristija flimkien magħhom jew flimkien mal-familjari tagħhom. Nistgħu ngħidu li l-preżenza ta' Mons. Isqof Cauchi minn dejjem kienet tinħass u għadha tinħass fis-Seminarju tagħna.

F'isem is-saċerdoti kollha tas-Seminarju tal-preżent u tal-passat, nirringrazzja lil Mons. Isqof għall-ħidma tiegħu favur il-formazzjoni tas-saċerdoti, u minn qalbi nawguralu kull ġid u risq f'għeluq il-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.





# B'Rikonoxxenza lejn l-E.T. MONS NIKOL G. CAUCHI

# *Ir-raba' Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù Fontana, Għawdex*

## (1956 - 1962)

**minn Dun George Bezzina**
*Kappillan - Fontana*

Ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li għal dan il-Ġublew tad-Deheb ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tal-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi Isqof ta' Għawdex, inkitbu ħafna eloġji u affarijiet sbieħ u mistħoqqa. Imma żgur li dak li tista' tgħid il-Parroċċa tagħna tal-Qalb ta' Ġesù (Fontana) żgur li ma jista jgħidu ħadd iżjed.

Dun Nikol Ġ. Cauchi sar saċerdot fid-29 ta' Marzu 1952. Kompla l-istudji f'Ruma fejn kiseb il-lawrija fil-Filosofija u l-liċenzjat fis-Soċjoloġija. Proprju erba' snin u xahrejn wara l-ordinazzjoni huwa ħa l-pussess bħala r-raba' Kappillan tal-Fontana, proprju fis-27 ta' Mejju 1956. Bħal ma jgħid il-Malti huwa ħadem b'ruħu u ġismu bħala Ragħaj Spiritwali ta' din il-parroċċa.



*Dun Nikol Ġ. Cauchi, dakinhar li ħa l-pussess bħala Kappillan tal-Fontana*

Tul iż-żmien li dam kappillan, il-ħeġġa u ż-żelu li kellu għall-ħidma pastorali ma llimitatux biss għall-parroċċa, u nistgħu ngħidu bla ma niżbaljaw li ħadem ħafna fuq livell Djoċesan. Hu okkupa diversi karigi fis-Seminarju, fosthom dik ta' Professur tal-Filosofija u tas-Soċjoloġija, intgħażel bħala eżaminatur tal-Kurja u Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika. Waqqaf f'Għawdex il-fergħa tal-Moviment Azzjoni Soċjali li tiegħu sar l-ewwel President fl-1958. Huwa ħadem ħafna għat-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku. Minħabba dan kollu hu għolla ħafna l-prestiġju tal-parroċċa tagħna.

Nafu kemm dejjem kellu għal qalbu l-ħidma pastorali, u hawn narawh li huwa għen ħafna biex isaħħaħ l-Azzjoni Kattolika u daħħal ukoll il-*Legion of Mary*.

Kbir ħafna kien is-sehem tiegħu biex iġib 'il quddiem il-merħla afdata f'idejh. L-ewwel festa tal-parrokat tiegħu - dik tal-1956 - immarkat egħluq il-mitt sena mill-estensjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù għall-Knisja Universali. Kien f'din iċ-ċirkustanza li l-Papa Piju XII ħareġ il-famuża Enċiklika "*Haurietis Aquas*". B'dan kollu il-kappillan Cauchi nqeda biex ikompli jħeġġeġ il-kult lejn il-Qalb Divina u nistgħu ngħidu li bit-tħabrik tiegħu dan il-kult mill-Fontana beda jinfirex ma' Għawdex kollu. Fil-fatt, fil-messaġġ tiegħu għall-"Għajn il-Kbira" tas-sena 1993 dwar id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, kiteb hekk: "Bħala nsara għandna naċċettaw bil-ferħ kull ħaġa li biha nsiru nafu aħjar lil

Kristu, inħobbuh b'ħerqa dejjem ikbar, nimxu warajh u nimitawh, fil-qdusija u fil-perfezzjoni morali tiegħu. Biex nilħqu dan il-għan, x'hemm isbaħ mid-devozzjoni awtentika lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Kristu? Din id-devozzjoni jeħtieġ li tidher u tinħass fil-jiem li fihom niċċelebraw b'mod solenni, il-Festa tal-Qalb Divina. Iżda m'għandhiex tieqaf hemm, imma ta' kuljum, matul is-sena, għandna nagħmlu xi att ta' qima, biex din id-devozzjoni ma tintilifx, iżda tkompli tħeġġeġ". Infatti kien hu li fuq talba tal-*Presbiterium* u tal-Kunsill Parrokkjali tal-Fontana aċċetta u ħareġ id-digriet minnu iffirmat fis-16 t'April 1993 għall-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Qalb ta' Ġesù ġewwa l-Fontana. U bi tħejjija għal dan l-avveniment storiku l-istess Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi ħareġ żewġ ċirkularijiet dwar id-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, dik tat-18 ta' Jannar 1993 Nru. 313/93 u dik ta' l-10 ta' Ġunju 1993 nru. 316/93. U mbagħad kien hu li fost il-ferħ tal-Poplu Għawdxi kollu, nhar id-19 ta' Ġunju 1993, inkuruna x-Xbieha tal-Qalb ta' Ġesù ġewwa l-Fontana fil-preżenza tal-Kardinal Francis Arinze u dinjitarji oħrajn kemm ekkleżjastiċi kif ukoll ċivili.



*Il-Kappillan Nikol Ġ. Cauchi, dakinhar tal-pussess tiegħu fil-parroċċa tal-Fontana*

Hu għadu magħruf fostna għall-predikazzjoni, qrar, pariri. impenji oħra u fuq kollox għall-interess li kien juri fit-twettiq tad-dmirijiet pastorali: duttrina, laqgħat tal-kategoriji, żjarat fil-familji, organiżazzjoni ta' l-Għaqdiet, eċċ. Kien għalhekk xieraq li fl-1967, fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Isqof, il-parroċċa tagħna organizzat festin ad unur tiegħu: saritlu dimostrazzjoni bis-sehem tal-Banda "La Stella", akkademja mużiko-letterarja fil-knisja, u ngħata bħala rigal katina tad-deheb għas-salib pettorali. U fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Isqof Djoċesan din il-parroċċa ppre-

Bir-raġun kollu wkoll kull meta jżurna, bla ma l-kappillan tagħna. U għalhekk f'isem il-komunità p fil-ħajja nisranija billi kien hu li amministralhom is- tiegħu bħala kappillan, aħna nawgurawlu ħafna l-Qalb ta' Ġesù jitfa' fuqu kull Barka tas-Sema lejn il-mergħat ta' dejjem. U nagħlaq dawn fl-istess ħin ta' awguri lill-maħbub tagħna Mo billi nikkwota mill-Ballata "*Triq il-Għajn ma* Joseph Bezzina qatt minsi minn din il-komu anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Kwad ta' Ġesù, fil-Fontana, *Nr. 107 - 108*:

> *"Dun Nikol Cauchi r-ra*
> *tal-Fontana Kappillan,*
> *ġab gandlieri kollha fidd*
> *u sett qniepen minn Mila*
>
> *Fuq livell djoċesan ħade*
> *ried isaħħaħ it-tagħlim,*
> *u sal-lum għall-Grazzja ι*
> *għadu l-Isqof ta' l-Għaw*

CASAFUNGHI
"La fungaia di Gozo"






ales Office Attard
64



# IL-KURJA T'GĦAWDEX F'DAWN L-AĦĦAR ĦAMSIN SENA

**Kitba ta' Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali**

Fit-tmexxija tal-Knisja Universali, l-Papa għandu bżonn tal-Kurja Rumana u fit-tmexxija tad-djoċesi, kull Isqof ikollu bżonn tal-Kurja Djoċesana tiegħu. Bil-għajnuna tal-persuni nkarigati mid-diversi uffiċċji fil-kurja, l-Isqof ikun jista' jaqdi dmiru dejjem aħjar lejn il-Poplu ta' Alla afdat lilu. Fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi - ġublew tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu - ħsibt li nagħti daqqa ta' għajn lejn il-kurja tad-djoċesi tagħna biex insemmi xi tibdil u aġġornament li seħħ fl-istess kurja f'dawn l-aħħar ħamsin sena.

## Il-ġrajja tal-Konċilju Vatikan II

Wieħed mill-avvenimenti l-iktar kbar li seħħew f'dawn l-aħħar ħamsin sena fil-Knisja Kattolika kien bla dubju ta' xejn il-Konċilju Vatikan II. Mill-Konċilju ħarġu bosta dokumenti direttament marbutin miegħu u tant oħrajn ispirati minnu u żgur ukoll taħt l-influwenza tal-istess Konċilju. Fost dawn id-dokumenti marbutin mill-qrib mal-Konċilju Vatikan II hemm ukoll il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Knisja li ġie ppromulgat fis-sena 1983. Wara l-Konċilju u wara l-Kodiċi kull kurja djoċesana kellha ċertament tgħaddi minn għadd ta' riformi. Dan seħħ ukoll fil-Kurja t'Għawdex.

Nosservaw ukoll li għalkemm minn ħamsin sena 'l hawn id-djoċesi kellha żewġ Isqfijiet li ssuċċedew lil xulxin, madankollu minn dawn il-ħamsin sena l-Isqof Cauchi serva ukoll għall-perijodu ta' ħamsa u tletin sena bħala Ragħaj tad-djoċesi Għawdxija. Barra minn hekk, dak li kien stabbilit mill-Konċilju, issa kien hemm bżonn li jitwettaq dan kien piż mhux żgħir li fil-prattika kellu jerfgħu kważi kollu l-Isqof Cauchi. Dan qiegħed ngħidu b'riferenza għal dak li aktar tard wara l-Konċilju, kellu jseħħ minħabba n-normi tal-Kodiċi l-ġdid.

## Riformi b'servizz lill-familja

Minn ħamsin sena 'l hawn is-soċjeta' Għawdxija tbiddlet radikalment f'ħafna aspetti tal-ħajja tagħha. U fi ħdan is-soċjeta' u magħha ukoll rat tibdil qawwi anke l-familja. U l-Knisja f'Għawdex ma baqgħetx lura milli toffri l-għajnuna tagħha lill-familja. Fil-Kurja tagħna nsibu l-Kummissjoni tal-Familja li, flimkien ukoll mal-Moviment ta' Kana, tipprova tkun ta' għajnuna lill-familji Għawdxin. Din l-għajnuna l-Kurja toffriha sa minn qabel iċ-ċelebrazzjoni sagramentali taż-żwieġ, fis-sens li kull parroċċa għandha tagħti numru ta' lezzjonijiet għall-formazzjoni tal-għarajjes.

Minħabba t-tibdil u l-mewġ li ħakem lill-familja Għawdxija, fil-Kurja nħass ukoll il-bżonn li jsir aġġornament tat-Tribunal Ekklesjastiku. Ħamsin sena ilu dan ukoll kien jeżisti fil-Kurja, imma ftit li xejn kien ikollu bżonn jaħdem.

Kif intqal bosta drabi mill-Papiet, permezz tat-tribunali tagħha l-Knisja qed taqdi ministeru pastorali ukoll. Il-ħidma tat-tribunal tal-Kurja mhux kulħadd huwa konxju minnha. Hija ħidma iebsa u delikata. Għas-servizz tat-tribunal tal-Kurja, illum hemm persuni kkwalifikati u uħud minnhom b'esperjenza li tgħodd is-snin. U jaqbel ukoll niċċaraw punt: it-tribunal tal-Kurja t'Għawdex huwa miftuħ għal dawk kollha li jkunu verament jeħtieġu s-servizz tiegħu. Mhux veru li biex tikseb is-servizzi tat-tribunal tal-kurja jeħtieġ ħafna flus. Matul dawn l-aħħar ħamsin sena, tant fi żmien l-Isqof Pace kemm fi żmien l-Isqof Cauchi, min ma setgħax jagħmel ħlasijiet, xorta waħda ingħata s-servizz tat-tribunal tal-Kurja Djoċesana.



## Liturġija u Katekeżi

Anke f'dawn iż-żewġ oqsma- tal-Liturġija u tal-Katekeżi- l-Kurja tagħna tat is-servizz tagħha. Minn ħamsin sena 'l hawn fis-Seminarju bdiet tiġi mgħallma l-Liturġija: dan kien fi żmien l-Isqof Mons. Pace. U fl-aħħar żmenijiet ta' Mons. Pace ukoll, il-Kurja kienet tipprova ddaħħal l-ewwel riformi tal-Konċilju Vatikan II fil-qasam liturġiku. S'intendi anke f'dan il-kamp, l-akbar piż kien għall-Isqof Nikol Cauchi. Għal dan il-għan huwa ħa ħsieb li fil-Kurja jitwaqqaf Segretarjat tal-Liturġija li flimkien mal-Kummissjoni Liturġika jippruvaw jimplimentaw id-direttivi tas-Santa Sede f'din il-materja u jagħtu s-sehem tagħhom għal dak mibdi mill-Konċilju bil-Kostituzzjoni "Sacrosantum Concilium" dwar il-Liturġija.

Kontemporanjament mas-Segretarjat tal-Liturġija, nsibu ukoll imwaqqaf is-Segretarjat Kateketiku u miegħu ukoll il-Kummissjoni Kateketika. Kotba dwar it-tagħlim tal-katekiżmu, programmi ta' tagħlim lit-tfal fiċ-ċentri u Djar li jeżistu fid-Djoċesi għal dan il-għan, kif ukoll żjajjar li minn żmien għal żmien l-Isqof nnifsu jagħmel fiċ-Ċentri u speċjalment qabel iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Konfirmazzjoni, dan kollu jaqa' fil-kompetenza tas-Segretarjat u tal-Kummissjoni Kateketika.

## Il-Kanċellier tal-Kurja

Wieħed mill-uffiċċji l-aktar importanti fil-Kurja tal-Isqof huwa dak tal-Kanċellier. L-eżistenza ta' dan l-uffiċċju tgħodd bil-wisq aktar minn ħamsin sena. Prattikament kien żviluppat sa mill-bidu tad-Djoċesi. Anzi, xi ħjiel tal-Kanċellier aktarx li kien eżistenti anke fl-uffiċċju tal-Pro-Vigarju jiġifieri meta konna għadna magħqudin fi djoċesi waħda ma' Malta. L-uffiċċju tal-Kanċellier jieħu ħsieb joħroġ id-dokumenti kollha uffiċċjali tal-Kurja. Hawnhekk ukoll jibdew u jsiru t-tħejjijiet għaċ-ċelebrazzjonijiet taż-żwiġijiet fid-Djoċesi t'Għawdex u xi drabi ukoll tkun meħtieġa l-għajnuna tal-Kanċellier meta jkunu ħa jiġu ċċelebrati żwiġijiet barra minn Għawdex, iżda li b'xi mod jkun hemm ukoll konnesjoni ma' Għawdex min-naħa tal-għarajjes.

Fit-tħejjija tad-dokumenti li qegħdin insemmu, l-Kanċellier għandu jimxi fuq in-normi tal-liġijiet tal-Knisja, tant dawk universali kemm dawk lokali. Illum ukoll l-Kanċellier jorbot l-aspett pastorali mal-ħidma tal-uffiċċju tiegħu. Mhuwiex sempliċi nutar tal-Kurja Djoċesana. Huwa jara ukoll li dawk li jersqu għandu għad-dokumenti li semmejna jkunu tħejjew sewwa għaż-żwieġ tagħhom, fis-sens li jkunu attendew għall-korsijiet u lezzjonijiet kif mitlub li jsir fid-Djoċesi tagħna.



**Is-Segretarju Amministrattiv**

Fil-prattika dan l-uffiċċju ma kienx jeżisti ħamsin sena ilu. Skond il-leġislazzjoni tal-Knisja (Il-Kodiċi tas-sena 1917) kull Isqof kellu l-obbligu li jkollu l-kunsulturi tiegħu f'dak li jirrigwardja l-ġid materjali (djar, artijiet, beni mobbli, etc.) tad-Djoċesi. Barra mill-kompetenza li kellu dak in-nhar il-Kapitlu tal-Kattidral kien hemm ukoll il-Bord tal-Konsulturi bl-uffiċċju ta' l-amministrazzjoni fil-Kurja.

Id-Djoċesi t'Għawdex - kif ukoll dik ta' Malta- kellhom dokument apposta biex jimxu fuqu. Kien imsejjaħ "*Documento di base*" u kien mogħti mis-Santa Sede lill-Provinċja Ekklesjastika ta' Malta u Għawdex. Barra minn dan id-dokument partikulari, issa hemm ukoll il-Kodiċi l-ġdid.

Skond in-normi tad-"*Documento di base*" u tal-Kodiċi, fil-Kurja ta' Għawdex kienet meħtieġa r-riforma f'dan is-settur ta' l-amministrazzjoni. Barra mill-Kumitat Finanzjarju Djoċesan u mill-Kumitat Rappreżentattiv Djoċesan (skond id-*Documento di Base*) kien meħtieġ ukoll l-Ekonomu tad-Djoċesi jew is-Segretarju Amministrattiv. Dan l-uffiċċju twaqqaf u għall-għajnuna tiegħu għandu ukoll grupp ta' persuni oħra bi kwalifiki diversi u skond il-ħtieġa tal-istess uffiċċju ta' l-Amministrazzjoni.

Dan kollu jfisser ħafna; fost ħwejjeġ oħra jfisser li l-Kurja ta' Għawdex għandha ir-regoli tagħha kif għandha tamministra l-propjetà mmobbli jew mobbli tagħha.



**ID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX**
***tifraħ***
**lill-Eċċellenza Tiegħu**
**MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA**
**Arċisqof ta' Malta**
**f'egħluq**
**il-50 sena**
**tas-Saċerdozju tiegħu**
***u tawguralu***
*Ad Multos Annos*



## Uffiċċji oħra tal-Kurja

F'dawn l-aħħar ħamsin sena, kien meħtieġ li fil-Kurja Djoċesana jinħolqu bosta uffiċċji ġodda. Hekk per eżempju għandha l-uffiċċju tal-Kleru, tal-Promozzjoni Umana, eċċ. Ta' l-ewwel għandu fi ħsiebu l-Kleru li jaħdem fid-djoċesi. Jipprova jagħti l-għajnuna lill-Kleru tagħna f'diversi oqsma bħalma m'huma dawk tal-ħlasijiet, dak tal-formazzjoni kontinwata, eċċ. It-tieni, jiġifieri l-Uffiċċju tal-Promozzjoni Umana għandu kompetenza aktar wiesa. Fil-prattika huwa l-uffiċċju tal-karità li d-Djoċesi tipprova tqassam fuq dawk li jkunu jeħtieġu għajnuna aktar minn oħrajn.

L-għoti ta' karità mill-Kurja tagħna ma hix xi ħaġa ta' żminijietna. Kienet użanza qaddisa ta' ħamsin sena ilu u wisq aktar qabel ukoll. Is-sistemi ta' kif titqassam il-karità lil min ikun fil-bżonn ma kenitx dejjem l-istess fil-Kurja t'Għawdex. Imma kienet dejjem teżisti; biżżejjed insemmu l-Legati taż-Żwieġ u l-Legati tal-fqar. Illum tinħass il-ħtieġa ta' aktar organizazzjoni anke f'dan il-kamp. U għalhekk l-Isqof Cauchi sa mill-bidu ħaseb biex ikun jeżisti u jiffunzjona ukoll l-uffiċċju tal-karità fil-Kurja tagħna. U nistgħu ngħidu b'ċertezza li qiegħed jaħdem ħafna..anke jekk mingħajr daqq ta' trombi.

Fl-aħħarnett ma rridx inħalli barra korp ieħor li l-Isqof Cauchi tah ħafna mportanza u ħa ħsieb li jkollu l-istatut partikulari tiegħu. Qiegħed nirreferi għall-Bord ta' l-Arbitraġġ tal-Kurja. Dan il-Bord jista jgħin ħafna biex jittranġaw xi kwistjonijiet u tilwim bejn parti u oħra. Jistgħu jkunu problemi bejn individwu u ieħor jew bejn kategorija u oħra. Jistgħu jkunu problemi bejn komunità u oħra tad-Djoċesi. Il-materja tat-tilwim tista' tkun varja. Il-partijiet jistgħu jaqblu li jmorru quddiem dan il-Bord bil-kwistjoni tagħhom, madankollu jibqa' dritt tagħhom li, fi kwalunkwe stadju tal-kwistjoni, kull parti tista' tressaq il-kas tagħha għad-deċizzjoni tal-qrati.

## Konklużjoni

Minn dak li għidna hawn fuq - u ċertament ma għidniex dwar ir-riformi kollha - wieħed jista' malajr jikkonkludi li f'dawn l-aħħar ħamsin sena l-Kurja tad-Djoċesi t'Għawdex rat ħafna tibdil. Forsi ukoll ikun hemm min jgħid li din il-Kurja għamlet ħafna żbalji ukoll. Għax l-iżbalji la naqsu qabel ħamsin sena ilu, la naqsu f'dawn l-aħħar ħamsin sena u anqas se jonqsu għalli ġej taħt Isqfijiet futuri. Għax aħna lkoll umani.

Dak li hu ma min jistmerru huwa n-nuqqas ta' sinċerità. Ħażin kieku kellna ngħidu li l-kurji ma jagħmlux żbalji. Imma ħażin ukoll li, waqt li jitperreċ bl-aqwa gost l-iżball, imbagħad mhux hekk isir meta jsir it-tajjeb... u żgur li jkun hemm ukoll ħafna tajjeb imwettaq fil-ħajja ta' kuljum, jiġifieri fis-servizz li l-Kurja tkun qed tagħti lil tant Għawdxin matul il-ġranet tas-sena.

---

# TIFKIRA TA' BRO. JOSEPH BUTTIGIEG

### OFM Konv.



B'tifkira għażiża ta' Bro. Joseph Buttigieg tal-Franġiskani Konventwali, min-Nadur, Għawdex, li miet fit-13 ta' Jannar li għadda, fl-għomor ta' 56 sena. Huwa serva bħala *"brother"* fil-komunitajiet franġiskani għal aktar minn 13-il sena f'Malta.

Gawdewh matul ħajtu, missieru Toni, ħutu Pawlu, Anġlu, Marija, Ursola, Charlie, Tereża u l-familji tagħhom; ħutu l-patrijiet Franġiskani Konventwali; neputijiet, qraba u ħbieb.

***Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.***

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

Tony Camilleri

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211

TAL-ĦWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.
TEL: 2156 2160

## Madre Margerita De Brincat - 3

# Soru kuraġġuża fil-Missjoni ta' Korfù

jikteb Angelo Xuereb



Madre Margerita flimkien ma' xi sorijiet oħra fil-komunità ta' Korfù, Greċja.

Madre Margerita kienet tassew soru kuraġġuża li ma tibża' minn xejn. Il-kuraġġ tagħha kien ħiereġ mill-konvinzjoni li hija qegħda tagħmel kollox għall-glorja ta' Alla.

Infatti hija tikteb ukoll fuq il-kuraġġ: "*Agħmlu kuraġġ b'fiduċja bla qies fil-għajnuna kbira tiegħu. Dan billi xxejnu lilkom infuskom. Kollox, kollox nistgħu bil-għajnuna divina tiegħu. Bil-ħila tagħna ma nistgħu nagħmlu xejn*". Din il-kitba turina li kellha kuraġġ sopranaturali. Ma kienx ibbażat fuq il-ħeġġa tal-mument jew l-avventura iżda bbażat fuq l-għajnuna li Alla jagħti.

Il-ġrajja tal-missjoni ta' Korfù turina dan kollu. Lejn il-bidu tas-seklu għoxrin kien hemm ħafna Maltin li emigraw lejn il-gżira ta' Korfù bit-tama li se jsibu ħajja aħjar. Dawk l-emigranti mhux talli ma sabux dak li kien imwiegħed iżda sabu ruħhom f'pajjiż b'reliġjon differenti u ilsien li ma kienux jafuh. Għalhekk l-Isqof Latin Mons. Teodoro Antonio Polito pprova jgħin lill-Maltin iżda ma kienx jaf l-ilsien Malti. Hekk huwa dar lejn l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pietru Pace biex jibgħatlu ħaddiema reliġjuzi, li saħaq ma' Madre Margerita biex tibgħat sorijiet hemmhekk. Għalkemm kienet taqbel ma' din l-idea sabet oppożizzjoni kbira minn diversi naħat. Iżda hija ma qatgħetx qalbha. Fis-sajf ta' 1907 hija stess marret fuq il-post biex tara b'għajnejha. Wara tant diffikultajiet l-ewwel sorijiet baħħru għad-destinazzjoni ġdida tagħhom fit-28 ta' Mejju 1907.

Hija ffaċċjat b'mod kuraġġuż il-mewt ta' Sor Marija Benedetta Gauci b'kawża ta' tifo fuq din il-gżira. Meta semgħet bil-mewt tagħha qalet: "*Ikun imbierek Alla għal dejjem*". Hija għamlet sitt snin superjura (1911-1917) f'din il-gżira griega, fejn għamlet minn kollox biex tressaq l-erwieħ lejn Alla kif ukoll tgħallmet l-ilsien grieg modern.

Meta kienet superjura f'Korfù, fit-28 ta' Mejju 1917 sar is-sitt Kapitlu Ġenerali fil-*Casa Madre*. Għal darba oħra reġgħet intgħażlet bħala Superjura Ġenerali. Iżda ma kienx faċli li Madre Margerita tivvjaġġa lejn Malta billi kien żmien ta' gwerra. Wara li ħadet il-pariri meħtieġa hija vvjaġġat fuq *destroyer* ingliż lejn Malta akkumpanjata minn qassis twajjeb, Dun Agantanglu. Fil-vjaġġ kollu l-passiġġieri kellhom jilbsu is-*salva uomo* biex f'każ li d-*destroyer* tgħereq, jaqbżu l-baħar.

F'dawn il-ġrajjiet Madre Margerita tidher bħala soru kuraġġuża li ħejjiet it-triq biex il-Kongregazzjoni tinfirex 'l hemm mix-xtut maltin.

Rose's
BAR & RESTAURANT
15, Ramla Road, Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 564890 Mob: 0942 5830

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

## APPREZZAMENT

# DUN MIKIEL BUTTIGIEG
## (1927-2002)



# *Saċerdot għal kulħadd...*

Il-poplu tal-Qala ħareġ jagħti l-aħħar tislima tiegħu lil wieħed mis-saċerdoti tiegħu, Dun Mikiel Buttigieg, li mar jagħmel il-Ġublew Saċerdotali tiegħu fis-sema. Kienet tislima li verament tixraqlu għax il-preżenza ta' dan is-saċerdot kont tilmaħa fuq l-artal, fuq l-ambone, fil-konfessjonarju tas-Santwarju, mal-morda, fid-djar, fit-triq... lest li tbissima, b'kelma tajba, b'xi kelma, b'xi parir f'waqtu. Kienu mumenti partikulari għall-poplu tal-Qala li bir- raġun kellu għalfejn isellem sa' l-aħħar lil dan is-saċerdot tant twajjeb u umli li ħadem id f'id mas-superjuri tiegħu, u li ġarr is-salib li l-Mulej għoġbu jagħtih fl-aħħar ta' ħajtu.

Dun Mikiel Buttigieg twieled il-Qala, Għawdex minn Carmelo u Ġużeppa nee' Attard nhar is-6 t' April 1927. Ġie mgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali minn Dun Mikiel Cefai, Vigarju Ekonomu. Fil-magħmudija ngħata l-ismijiet ta' Mikiel, Salvinu, u Ġużeppi. Fid-29 ta' Marzu 1936 rċieva l-Griżma ta' l-Isqof. Wara l-istudji tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex, Dun Mikiel ġie ordnat saċerdot fil-Kattidral t'Għawdex mill-Isqof Ġużeppi Pace nhar id-29 ta' Marzu 1952, Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali tal-Qala nhar l-4 ta' Mejju 1962 fejn il-poplu kkonkorra bi ħġaru, għax kien ilu 25 sena jistenna biex ikollu saċerdot ġdid.

Għal dawn l-aħħar 25 sena kien Rettur tas-Santwarju Nazzjonali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala. Serva bħala organista u direttur tal-Kor Parrokkjali San Ġużepp għal ħafna snin. Ħadem fl-Azzjoni Kattolika u ħabb b'għożża l-għaqdiet kollha soċjali u reliġjużi tal-Qala. Kien ukoll l-ewwel Direttur Spiritwali tas-Soċjetà *"Ite ad Joseph"*, il-banda tar-raħal. Fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġużepp, nhar it-18 ta' Marzu 2001, ingħata minn idejn l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi *"Ġieħ il-Parroċċa"*, filwaqt li l-Kunsill Lokali onorah b'*"Ġieħ il-Qala"* nhar it-23 ta' Diċembru 2001, waqt ċerimonja sinifikattiva li saret fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

Dun Mikiel ġie imsejjaħ għall-ħajja eterna nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2002, fl-għomor ta' 74 sena kkonfortat bis-sagramenti mqaddsa. Il-funeral tiegħu sar fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala nhar it-Tlieta 5 ta' Frar. Mexxa l-funeral l-Eċċ. T. Mons. Nikol Cauchi fil-presenza ta' madwar 70 saċerdot u fi knisja ppakkjata bin-nies. Fil-korteo tal-funeral tiegħu ħadet sehem il-banda *"Ite ad Joseph"*.

Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof tkellem mill-missjoni tas-saċerdot li tintlaħaq fil-predikazzjoni, fl-amministrazzjoni tas-sagramenti, fit-talb tas-salmi, imma fuq kollox tikseb sinifikat partikulari meta s-saċerdot bħal Kristu fuq is-Salib isir vittma għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Dun Mikiel dan wettqu fil-ħidma pastorali tiegħu imma partikularment waqt l-iebes tal-marda tiegħu.

Fil-parroċċa Dun Mikiel kien magħruf li kellu sensibilita' kbira għar-raħal tal-Qala, għall-Knisja Parrokkjali u fuq kollox dedikazzjoni sħiħa għas-Santwarju ta' l-Immakulata. Kien eżempju ħaj u xhieda kbira ta' għaqda fost ħutu s-saċerdoti u bniedem ta' paċi ma' kulħadd.

Dun Mikiel indifen fiċ-ċimiterju parrokkjali tal-Qala fil-qabar tal-familja, wara li mdawwar mill-familjari u minn folla mdaqqsa ta' nies iddaħħal għat-talb ta' l-aħħar fis-Santwarju Nazzjonali ta' l-Immakulata, it-tempju li kien l-għożża ta' qalbu u l-mimmi t'għajnejh.

***Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.***

***Dun Karm Refalo, Arċipriet tal-Qala***

**BOGI AUTO LTD**

- Spare Parts
- Batteries
- Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

**SWEET SENSATIONS**
**CONFECTIONERY**

For Cakes, Gateau,
Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg

55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

**We are at your service during Lent...**
**but we sell fresh fish all year round!**




# BUGEJA

*the leading FISH MARKET in Gozo*

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo
Tel: 2156 0686, 2155 5668
Mob: 9949 3661
Res: 2155 1389

**PMC**
· PAUL M. CASSAR ·
**TOURS**

**ĠITA TA' L-GĦID**
**31 ta' Marzu - 6 t'April**
Inżuru: Ruma - S. Giovanni Rotondo
(Padre Pio) - Napli - Sorrento
Monte Cassino - Monte S. Angelo

**TOUR TA' L-EWWEL DEHRA**
**TAL-MADONNA TA' FATIMA**
**9 - 17 ta' Mejju**

**Programmi:** J. Portelli Ent., 108, Triq San Ġwann - Valletta. Tel: 2124 7016, 2123 5772
**Tour Leader:** Paul M. Cassar - tel: 2155 1004

# NANCY'S SALON

UNISEX HAIRDRESSER
& BEAUTICIAN

**63, Main Gate Street, Victoria.**
**Tel.: 556586 - 555106**

*"Marilyn" - Overseas Training Experience in Australia, London, Milan.*

BOOK MARK

**N. Cauchi - G. Frendo**

# EJJEW NADURAWH

**Lumen Christi Pubblications, Colour Image - Mġarr, Malta, 2001.**
**pp. viii, 296, Lm 3.00**

## *NADURAW PREŻENZA REALI*




*"Jiġu l-festi, noħorġu l-istatwi u wara nerġgħu ndaħħluhom għal sena oħra, iżda mhux l-istess għall-Ewkaristija". Ma kienx kumment bla ħsieb waqt li bħas-soltu xi ħadd kien qed jiġbor mill-ġdid il-bambin tax-xemgħa wara l-festi tal-Milied; imma għax persuna ewkaristika fehmet li hemm tassew differenza kbira bejn Bambin f'maxtura u Ġesù ħaj fit-tabernaklu. Għax fl-Ewkaristija hemm xi ħadd li huwa dejjem magħna, l-istess ħajja, preżenza reali, veru Alla u veru bniedem, tant drabi espost għall-qima pubblika, anke lejl u nhar, għal kulħadd u bla appuntamenti speċjali.*

*Mhumiex ftit il-fuljetti, libretti u anki kotba oħra li għandna b'ilsienna bħala għajnuna għall-qima u l-adorazzjoni lil Ġesù Ewkaristija, iżda xorta nħass il-bżonn li jerġa' jiġi stampat u għall-ewwel darba fi ktieb wieħed **"Ejjew Nadurawh"**, pubblikazzjoni li tiġbor fiha żewġ kotba: "Jien Nadurak bil-Qima" u "Quddiemek Hawn Miġbura", b'total ta' 28 Siegħa Adorazzjoni, 4 Ċelebrazzjonijiet għat-Tfal, u Suppliment ta' Kant u Talb.*

*Mons. Isqof Nikol Cauchi u Patri Ġorġ Frendo o.p. joffru għadd ġmielu ta' suġġetti għar-riflessjoni u talb quddiem l-Ewkaristija għal kull żmien tas-sena, b'siltiet adattati mill-Kelma t'Alla, invokazzjonijiet varji, espressjonijiet ta' radd il-ħajr u ta' maħfra, b'waqtiet għas-skiet u għal riflessjoni personali.*

*Dan il-ktieb huwa utli ħafna biex tissaħħaħ ir-rabta u l-ħeġġa ma' l-istess sagrament kollu mħabba, għax hemm lok li dejjem nidħlu aktar 'il ġewwa fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla li għadu jgħammar fostna; kif ukoll bħala forma ta' għajnuna għal min isib diffikultà kif jitlob waqt li jkun quddiem Ġesù Sagramentat.*

*Huwa ktieb li jista' jintuża minn gruppi ta' talb fil-parroċċa, waqt l-adorazzjoni privata jew komunitarja, bħala mezz għal talb li jsir waqt iċ-ċelebrazzjoni sagramentali qabel il-barka u f'xi okkażjonijiet oħra partikulari, kif inhu indikat fil-werrej.*

***"Ejjew Nadurawh"** huwa rigal sabiħ li jista' jingħata f'idejn in-nisrani tat-tielet millenju, bħala tweġiba għax-xewqa jew kmand ta' Ġesù stess, li jgħidilna "Aqdef 'il barra fil-fond", stedina tant drabi ripetuta mill-Papa f'sens ta' tiftix u apprezzament dejjem ġdid għal kull wirt prezzjuż, speċjalment dak ta' l-adorazzjoni lil Ġesù Ewkaristija.*

*Dan il-ktieb utli tista' takkwistah mingħand il-librara ewlenin tal-koba reliġjużi f'Malta u Għawdex.*

***Mons. Salv Grima***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

TEKNO ZONE
Satellite Systems
T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories,
Cordless Phones, Car Audio & much more.

Call Peter & Maureen Mercieca

Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net



IL TERRAZZO
Bar & Restaurant
• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •

Host: Joseph Mercieca
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo

Ta' Pawlu



Bar &
Restaurant
Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

Links Travel
Your link to the world!
Organisers for Group Tours, Honeymoons,
and all other types of Worldwide Travel
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
Tel: 356 2156 0180, 356 2155 6476
Mob: 9949 5700 Fax: 356 2156 0181
Email: travel@linksmalta.com
Web: www.linksmalta.com

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in
the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 553500



GELAT TA' VERU...
...DOQTU???
BAXAN ORIGINAL
SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959

FUQ L- INTERNET
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
http://www.rtk.org.mt
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




## *Soundtrack* għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2002

Sa minn Frar li għadda, wieħed seta' jordna minn fuq *CatholicMusicNetwork.com* id-*double CD* li fih is-*soundtrack* uffiċjali għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2002 li ser jinżammu bejn it-18 u t-28 ta' Lulju li ġej. Kantanti bħal Critical Mass, Tony Melendez , Sarah Hart, Tom Booth, Hermana Glenda, Steve Angrisano u oħrajn jinsabu fuq is-CD. Jinkludi b'mod speċjali l-innu *Light Of The World* ta' Robert Lebel, b'lirika bil-Franċiż, Ingliż, Taljan u Spanjol. L-innu inkiteb minn Lebel, kompożitur liturġiku minn Quebec, u ġie maqlub għall-Ingliż mill-Isqof Paul-André Durocher, l-iżgħar isqof Kanadiż u mużiċista brillanti.

Il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ hu mistenni li jlaqqa' flimkien żgħażagħ Kattoliċi minn aktar minn 150 pajjiż. Hu smat li aktar minn 500,000 ruħ ser jattendu.

## Il-Papa ta $100,000 lill-*Caritas Argentina*

Dan il-ġest tal-Papa ġie mħabbar fl-Arġentina permezz ta' ittra mibgħuta mill-Arċisqof L. Sandri (Segreterija ta' l-Istat) lill-Arċisqof E. Karlic ta' Parana. L-ittra tgħid: "B'dan il-ġest ta' karità pastorali, il-Qdusija Tiegħu jixtieq jingħaqad personalment ma' l-isforzi numerużi li diġa saru mir-ragħajja (spiritwali) ta' l-Arġentina, kif ukoll minn gruppi u persuni oħra partikolarment sensittivi għall-fraternità ġejja mill-ispirtu evanġeliku, waqt li fl-istess ħin jagħmlilhom kuraġġ biex ixerrdu attitudni ta' solidarjetà, ġenerożità u responsabbiltà fiċ-ċittadini kollha."

## Il-Kattoliċi: issa 17.4% tal-Popolazzjoni tad-Dinja

Skond l-edizzjoni 2002 ta' l-*Annuario Pontificio*, il-*yearbook* li fih il-ġabra uffiċjali ta' l-istatistiċi tal-Knisja Kattolika:

Mill-1978, l-għadd ta' Seminaristi fid-dinja żdied bi 73 %

Mill-1999 sal-2000, l-għadd ta' Qassisin Kattoliċi fid-dinja żdied b'189

Preżentament in-numru ta' Kattoliċi fid-dinja hu 17.4%. L-aktar kontinent bi preżenza ta' Kattoliċi hu l-Amerika (ta' Fuq u t'Isfel) fejn 49.4 % huma Kattoliċi; imbagħad l-Ewropa b'26.7 %, l-Afrika bi 12.4 %, l-Asja b'10.7 % u l-Oċeanja b'0.8 % tan-nies tagħha Kattolici.

In-numru ta' persuni formalment involuti fil-ħidma pastorali Kattolika hu fuq l-4 miljuni: 4,521 isqfijiet; 405.178 qassisin; 27,284 djakni permanenti; 55,057 patrijiet (mhumiex saċerdoti) 801,185 sorijiet; 30,687 membri ta' istituti sekolari; 126,365 missjunarji lajċi u 2,641,888 katekisti.

## Il-Ħolqien u l-Ambjent

Xi Kattoliċi Taljani talbu lill-Papa biex jikteb enċiklika fuq il-ħolqien u l-kwistjonijiet marbuta ma' l-ambjent. Fit-8 ta' Frar li għadda, Mons. Liberio Andreatta, president ta' l-*Opera Romana Pellegrinaggi* waqt kungress teoloġiku pastorali għamel pubblikament din it-talba.

Mons. Andreatta jemmen li dokument bħal dan jinkoraġġixxi r-riflessjoni fuq is-suġġett li hu "tant delikat u xi drabi problematiku u diffiċli, iżda li hu ta' interess dejjem jiżdied għall-opinjoni pubblika u jaffettwa l-ħajja konkreta ta' l-individwi."

# KITBA IMPORTANTI TA' L-ISQOF CAUCHI

***Biblijografija magħżula minn Dun Anton Sultana***

*Minn total ta' madwar 90 kotba, leaflets, libretti, ittri pastorali u xogħolijiet oħra li ġew ippublikati f'dawn l-aħħar 50 sena minn diversi Djar tal-Pubblikazzjoni jew minnu personalment, għażilt biss dawn is-36 suġġett fost l-iktar importanti.*

1. **Il-Kelma tar-Ragħaj** (6 volumi) - ġabra ta' ittri pastorali, ċirkolari u diskorsi bejn l-1970 u l-1992. *L-ewwel tliet volumi huma eżawriti.*
2. **Is-Santwarju Ta' Pinu u Karmni Grima** (1970).
3. **Ir-Rużarju fil-Familja Nisranija** - *is-seba' edizzjoni* (2001).
4. **Ma' Ġesù fl-Ewkaristija** - *it-tielet edizzjoni* (2001).
5. **Id-Devozzjonijiet Marjani** (1978) - *eżawrit.*
6. **Omm il-Feddej** - Katekeżi Marjoloġika (1983) - *eżawrit.*
7. **Ir-Reliġjon fid-Dinja Moderna** (1983).
8. **X'għadek tiftakar mill-Katekiżmu** (1984) - *eżawrit.*
9. **Id-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù** (1986).
10. **Kelma liż-Żgħażagħ** (1987).
11. **Ir-Rużarju fl-Imgħoddi u Llum** (1987).
12. **Sketches tal-Milied** - *it-tieni edizzjoni* (1993).
13. **Nitolbu għall-Erwieħ Ikkonsagrati** (1988).
14. **Żjajjar lil Ġesù Sagramentat** (1989).
15. **Ħjiel ta' Kateketika** (1990).
16. **Il-Madonna fit-Tagħlim tas-Santi Padri** (1991).
17. **Ix-Xogħol u l-Mistrieħ** (1993).
18. **Mulej li jagħti l-Ħajja** (1994).
19. **Il-Fidi tal-Knisja** (1994).
20. **Il-Madonna fil-Poeżija Ewropea** (1997).
21. **Ma' Ġesù fit-Tbatija** (1998).
22. **F'Riġlejn Kristu Msallab** - *it-tielet edizzjoni* (1999).
23. **Fi Ħdan l-Addolorata** - *it-tielet edizzjoni* (1999).
24. **Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Knisja** (1999).
25. **Il-Quddiesa Mfissra** - *it-tieni edizzjoni* (2000).
26. **Storja tal-Marjoloġija** (2000).
27. **Il-Beatu Papa Piju IX** (2000).
28. **It-Tagħlim Soċjali tal-Beatu Papa Ġwanni XXIII** (2000).
29. **Lejn il-Kalvarju** - Via Sagra għall-Kbar (2001).
30. **Il-Pjagi ta' Kristu** (2001).
31. **F'Mejju mal-Madonna** (2001).
32. **Il-Familja Maltija fit-Tielet Millennju** (2001).
33. **Gwida Spiritwali għal Lourdes** (2001).
34. **Ejjew Nadurawh** - *re-print* ta' "Jien Nadurak bil-Qima" - *it-tieni edizzjoni* (2002).
35. Ta' min isemmi wkoll il-ġabra ta' **Skemi ta' Lezzjonijiet tal-Katekiżmu** dwar il-Liturġija, is-Sagramenti u t-Talb (tlett volumi).
36. Fl-aħħarnett, nixtieq insemmi wkoll tlett *oratarios* differenti li kiteb: "**Apoteosi ta' l-Assunta**", "**Il-Madonna tas-Sokkors**" u "**Ġużeppi ta' Nażaret**".



22656-02/2002




# YARiS VVT i

## Powerful yet economical.
## It defies logic.



**STYLE**

Individual & original



**PERFORMANCE**

D-4D common rail diesel



**COMFORT**

Power steering & stylish interior



**SAFETY**

4 star Euro NCAP accreditation

**Standard Features include:**

- Driver Airbag
- Power/Tilt Steering
- Radio/Cassette
- Engine Immobiliser
- 5-speed Gearbox
- Average vehicle speed indicator
- Average fuel consumption indicator
- Exterior temperature indicator

**...plus**

- impressive low fuel consumption
- excellent quality & technology

***... and the reliability and value for which every Toyota is renowned.***

**debono** Rohan Arch - Zebbug
Tel: 21465806, 21465642. Fax: 21464095.

Gozo dealer: **PARDI ENTERPRISES LTD.** Tel: 2155 6678.

# Leġġendi Maltin

## Ħames Leġġendi oħra










F'kull Leġġenda:

- L-Istorja tal-ktieb
- Ħjiel mill-Istorja ta' Malta
- Tagħrif dwar il-folklor
- Tifsir ta' kliem u idjomi
- Taħriġ







## OFFERTA SPEĊJALI
### GĦALL-QARREJJA TAL-ĦAJJA F'GĦAWDEX

Ixtri t-tieni sett ta' **ħames leġġendi bi prezz speċjali ta' Lm3.50** minflok Lm3.75 jew sett ta' **tnax-il leġġenda bi prezz speċjali ta' Lm7.50** minflok Lm9. ***Tirċivihom id-dar bla ħlas.***

*Nixtieq tibgħatli* ☐ ___ *sett ta' 5 leġġendi; jew*
☐ ___ *sett ta' 12-il leġġenda*

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Tel ______________________

**Jekk jogħġbok ibgħat il-ħlas mal-formola**

PUBBLIKAZZJON **klabb kotba maltin**

***Ġemagħhom kollha!***

TRIQ IL-KARMELITANI, STA VENERA HMR 11
Tel: 2149 7046 Fax: 2149 6904 E-Mail: kkm@vol.net.mt













